Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Fabian Fleri)

(Spettur Lydon Zammit)

(Spettur Kylie Borg)

(Spettur Colin Sheldon)

vs

Allister Camilleri

Kumpilazzjoni Numru: 26/2020

Illum, hdax (11) ta' Novembru, 2024

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Allister Camilleri** detentur tal-karta tal-identità b'numru 150180M li gie akkuzat talli:

1. Nhar is-16 ta' Jannar 2020, ghall-habta tat-20:00hrs minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Iklin Pharmacy li tinsab fi Triq Geronimo Abos Iklin ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37), u bil-hin, u li sar ghad-dannu tas-sidien tal-imsemmija hanut u/jew ta' xi persuna/i ohra; *Artikoli 261 (a)(b(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 270, 275, 277(b), 279(b), 280(2); tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skont il-ligi tal-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Elaine Cini u Stephanie Cassar kontra l-volonta` taghhom u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikunu mgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' hwejjighom; *Artikoli 86, 87 (1)(c)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummisssarju tal-Pulizija; *Artikoli 51 (7); 55 (a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.*

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel uzu minn vettura tal-ghamla Subaru J10 bin-numri tar-registrazzjoni BBH763 izda kellha imwahhlin fizikament in-numri tar-registrazzjoni GBX726. *Regolament 32(5) tal-Ligi Sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta*

5. Akkuzat talli nhar il-11 ta' Jannar 2020, ghall-habta ta' it-20:00hrs minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' The Convenience Shop li jinsab fi Triq Hal Luqa Qormi ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37), u bil-hin, u li sar ghad-dannu tas-sidien tal-imsemmija hanut u/jew ta' xi persuna/i ohra; *Artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 270, 275, 277(b), 279(b), 280(2); tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skont il-ligi tal-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Eysleen Xuereb u Christopher Mamala Ventura kontra l-volontà taghhom u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikunu mgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' hwejjighom; *Artikoli 86, 87(1)(c)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummisssarju tal-Pulizija; *Artikoli 51(7); 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.*

8. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel uzu minn vettura tal-ghamla Subaru J10 bin-numri tar-registrazzjoni BBH763 izda kellha imwahhlin fizikament in-numri tar-registrazzjoni GBX-726. *Regolament 32(5) tal-Ligi Sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta*

9. Akkuzat talli nhar l-10 ta' Jannar 2020, ghall-habta ta' 23:45hrs minn gewwa l-lukanda bl-isem ta' 1926 Hotel li tinsa fi Triq Thornton, Tigne Sliema bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq ikkwalifikat, bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin, ghad-dannu tal-imsemmija lukanda u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita` u/jew entitajiet ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volontà tieghu; *Artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 270, 275, 277(b), 279(b), 280(2); tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

10. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skont il-ligi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Ljupcho Trenkovski u Paul Ryan Apilado kontra l-volontà taghhom u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikunu mgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' hwejjighom; *Artikoli 86, 87(1)(c)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

11. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija *Artikoli 51(7); 5 (a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta*

12. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel uzu minn vettura tal-ghamla Subaru J10 bin-numri tar-registrazzjoni BBH763 izda kellha imwahhlin fizikament in-numri tar-registrazzjoni GBX-726. *Regolament 32(5) tal-Ligi Sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta*

13. Akkuzat talli nhar id-9 ta' Jannar 2020, ghall-habta ta' id-21:30hrs minn gewwa il-lukanda bl-isem ta' Windsor Hotel li tinsab fi Triq Windsor Sliema kkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, u bil-hin, u li sar ghad-dannu tas-sidien tal-imsemmija hanut u/jew ta' xi persuna/i ohra; *Artikoli 261(a)(b)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 270, 275, 277(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

14. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skont il-ligi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Bilel Amouri kontra l-volontà tieghe u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikun imgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta' hwejjigu; *Artikoli 86, 87(1)(c)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

15. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija *Artikoli 51(7); 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta*

16. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel uzu minn vettura tal-ghamla Subaru J10 bin-numri tar-registrazzjoni BBH763 izda kellha imwahhlin fizikament in-numri tar-registrazzjoni GBX-726. *Regolament 32(5) tal-Ligi Sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta*

17. Akkuzat talli nhar is-7 ta' Jannar 2020, ghall-habta ta' it-22:45hrs minn gewwa il-Lukanda bl-isem ta' Blubay Hotel & Apartment li tinsab fi Triq Sir Frederick C. Ponsonby, Gzira ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, u li sar ghad-dannu tas-sidien tal-imsemmija hanut u/jew ta' xi persuna/i ohra; *Artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 270, 275, 277(b), 279(b), 280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

18. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Milos Stojanovic kontra l-volonta' tieghu u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikun mgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta' hwejjigu; *Artikoli 86, 87(1)(c)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

19. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew

strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija *Artikoli 51(7); 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta*

20. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel uzu minn vettura tal-ghamla *Subaru J10* bin-numri tar-registrazzjoni BBH-763 izda kellha imwahhlin fizikament in-numru tar-registrazzjoni GBX-726. *Regolament 32(5) tal-Ligi Sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta*

21. Akkuzat talli nhar is-7 ta' Jannar 2020, ghall-habta ta' 22:00hrs biswit l-ATM tal-Bank of Valletta li tinsab fi Triq San Bartolomew Qormi bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq ikkwalifikat, bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37) u bil-hin, ghad-dannu ta' Carmen Scicluna, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta tieghu; *Artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 270, 275, 277(b), 279(b), 280(2); tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

22. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Carmen Scicluna kontra l-volonta' taghha u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex tkun mgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha; *Artikoli 86, 87 (1)(c)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

23. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija *Artikoli 51(7); 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta*

24. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel uzu minn vettura tal-ghamla *Subaru J10* bin-numri tar-registrazzjoni BBH-763 izda kellha imwahhlin fizikament in-numri tar-registrazzjoni GBX726. *Regolament 32(5) tal-Ligi Sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta*

25. Akkuzat talli nhar is-7 ta' Jannar 2020, ghall-habta ta' it-21:15hrs minn gewwa ghalqa li tinsab fi Triq tal-Hlas Qormi ikkommetta serq ta' numri tar-registrazzjoni GBX726 minn fuq vettura tal-ghamla Mercedes, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Angel Angelov u/jew ta' xi persuna/i ohra; *Artikoli 261(b)(f)(g), 263(a)(b), 270, 271(g), 278(3), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

26. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Monica Vella LLD datata 31 ta' Dicembru 2019 li bih tat il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet b'garanzija personali ta' 10,000 Ewro. *Artikoli 579(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

27. U aktar talli fl-istess dati hinijiet, lok u cirkustanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi moghtija fil-konfront tieghu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi w ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mtluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru 2021 fejn biha elenka l-Artikoli tal-Ligi li tahthom qed jintalab li tinstab htija kontra l-imputat Allister Camilleri u cioè:-

1. Fl-artikoli 261(a)(b(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 270, 275, 276, 277(a)(b), 278(1)(2)(3), 279(a) u 280(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 6, 51(7)(9), 56, 57 u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fir-Regolament 32(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 261(a)(b(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 270, 275, 276, 277(a)(b), 278(1)(2)(3), 279(a) u 280(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-artikoli 6, 51(7)(9), 56, 57 u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Fir-Regolament 32(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. Fl-artikoli 41(1)(a), 261(a)(b(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 270, 275, 276, 277(a)(b), 278(1)(2)(3), 279(a) u 280(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
10. Fl-artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. Fl-artikoli 6, 51(7)(9), 56, 57 u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
12. Fir-Regolament 32(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta;
13. Fl-artikoli 261(a)(b)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 270, 275, 276, 277(a)(b) u 278(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
14. Fl-artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
15. Fl-artikoli 6, 51(7)(9), 56, 57 u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
16. Fir-Regolament 32(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta;
17. Fl-artikoli 261(a)(b(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 270, 275, 276, 277(a)(b), 278(1)(2)(3), 279(a) u 280(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
18. Fl-artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
19. Fl-artikoli 6, 51(7)(9), 56, 57 u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
20. Fir-Regolament 32(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta;

21. Fl-artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(2), 263(b), 267, 270, 275, 276, 277(a)(b), 278(1)(2)(3), 279(a) u 280(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
22. Fl-artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
23. Fl-artikoli 6, 51(7)(9), 56, 57 u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
24. Fir-Regolament 32(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta;
25. Fl-artikoli 261(b)(f)(g), 263(a)(b), 264, 265, 266, 270, 271(g), 278(1)(2), u 281(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
26. Fl-artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
27. FL-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
28. Fl-artikoli 15A, 17, 18, 20, 31, 382A, 383, 384,385, 386, 412C, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi rat li wara li nqraw l-artikoli tal-Ligi l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tkompli tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju;

Rat l-atti tal-inkjesta Nru. 95/2020 redatt mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit, tal-inkjesta Nru. 131/2020 redatt mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli kif ukoll tal-inkjesta Nru. 205/2020 redatt mill-Magistrat Dr Josette Demicoli.

Semghet ix-xhieda kollha;

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet;

## IKKUNSIDRAT

Illi semghet ix-xhieda tal-**Ispettur Fabian Fleri** li pprezenta c-certifikat tat-twelid tal-akkuzat u l-fedina penali tal-akkuzat.

Illi xehed **l-Ispettur Lydon Zammit** li pprezenta l-vettura tal-ghamla Subaru J10 ta' lewn blu bin-numru BBH-763 b'mod formali, stqarrija awdjo-vizwali, okkorrenzi, ID parade kif ukoll veri kopji ta' kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest. Jghid li kien gie deciz li jkun hemm investigazzjoni wahda stante li sehhew diversi

serqiet li kienu simili ta' xulxin. Jixhed li l-ewwel (1) serqa sehhet fis-sebgha (7) ta' Jannar 2020 fl-ghaxra ta' filghaxija. Jghid li din is-serqa kienet attentat ta' serqa fuq certu Carmen Scicluna u sehhet gewwa ATM tal-bank BOV li tinsab fi Triq Bartolomeo, Hal Qormi. Izid jghid li kien dahal fuq Carmen Scicluna wiehed ragel li kien mghammad u talabha biex tigbed il-flus ghalih fl-ammont ta' hames mitt ewro (€500). Jghid ukoll li stante li l-mara kienet qieghda tiddepozita kif ukoll li ma kellhiex bizzejjed fondi, ir-ragel ma rnexxielux jigbed l-ammonti separati ta' hames mitt ewro (500), tliet mitt ewro (€300) u mija u hamsin ewro (€150). Jghid ukoll li dan ir-ragel kien spjega lil Carmen Scicluna li kellu problema tad-droga. Jghid li hi ddeskrivitu bhala ragel bl-età ta' erbghin (40) sena u kien liebes balaklava b'dana li ghajnejh u mniehru kienu mikxufin. Izid jghid li l-kulur ta' din il-balaklava kien ta' wiehed iswed

Ikompli jixhed li l-vittma qaltlu dan ir-ragel kellu kaxxa tal-kartun u kien qieghed juzaha billi jheddidha li kienet bomba. Jixhed li dan ir-ragel telaq jigri mill-post xhin induna li ma setax jigbed il-flus. Jixhed li hu u l-kollegi tieghu bdew l-investigazzjonijiet taghhom l-ghada li sehh dan l-allegat incident u li fil-fatt kienu ngabru

filmati li kien hemm prezenti fuq is-sistema tas-CCTV tal-bank BOV. Jixhed li minn dawn il-filmati jidher is-suspettat johrog minn go karozza Subaru J10 bin-numru GBX-726 u eventwalment jerga' jidhol gol-istess vettura dana li qieghed jikkonkludi li kellu xi hadd qieghed jghinu jwettaq is-serqa. Jixhed ukoll li n-numru tal-vettura rrizultalu li ma kienx ta' dik il-vettura partikolari.

Ix-xhud ikompli jghid li ftit tal-hin wara fl-istess gurnata u cioè fl-ghaxra u nofs u hamsa ta' filghaxija gie infurmat li kienet sehhet serqa minn gewwa l-lukanda Blue Bay Hotel li tinsab fi Triq Sir Frederick Ponsonby, il-Gzira. Jghid li meta waslet il-Pulizija fuq il-post gie mitkellem ir-receptionist u cioè certu Milo Stojanovic li kkonferma li hu jahdem go din il-lukanda. Jghid li l-istess Milo Stojanovic stqarr li meta kien sejjer lejn it-toilet innota li dahal wiehed ragel liebes hoodie u balaklava. Jghid li dan ir-ragel beda jitlob ghal flus filwaqt li jheddu li kellu bomba go kaxxa tal-kartun. Jghid li dan ir-ragel kellu anke sikkina f'idejh. Jghid li fil-fatt dan ir-ragel seraq madwar sitt mija u hamsin ewro (€650). Jikkonferma li wara din l-istqarrija infethet Inkjesta Magisterjali mill-Magistrat tal-Ghassa u cioè Magistrat Dr Audrey Demicoli. Jixhed li fuq il-post gew imsejha membri tal-Forzi Armati tal-EOD wara li giet

evakwata l-lukanda u dan sabiex tigi analizzata l-kaxxa li kien fiha bomba. Jghid li fil-fatt ma kienx hemm bomba izda gebel tal-hitan tas-sejjieh. Izid jghid li minn filmati mehudin minn cameras fil-vicinanzi s-suspettat jidher niezel minn vettura tal-ghamla Subaru J10 bin-numru GBX-726. Jghid li s-suspettat jidher jitlaq mill-post u jerga' jirkeb fl-istess vettura filwaqt li tidher persuna ohra fin-naha tax-xufier. Jixhed li n-numru GBX-725 jappartjeni lill-vettura tal-ghamla Mercedes Benz B200 li tghajjat lil certu Angelov Petarz Sefanov bin-numru tal-identità 115748A. Jghid li din il-vettura kif ukoll il-persuna ma gewx traccati.

Ikompli jixhed li fid-disgha (9) ta' Jannar 2020 gie infurmat fid-disgha u nofs u hamsa ta' bil-lejl li sehhet serqa minn gewwa l-Windsor Hotel li tinsab fi Triq Windsor, Tas-Sliema. Jghid li nizel fuq il-post fejn gie mitkellem certu Bilel Amuri (identità numru 203567A) li gie indikat bhala receptionist fi hdan il-lukanda. Jghid li Bilel Amuri infurmah li kien dahal ragel li kellu wiccu mghotti bi balaklava. Jixhed li dan ir-ragel kien Malti li tkellem b'lingwa Ingliza. Jghid li dan ir-ragel seraq madwar mitejn ewro (€200) bhala flus kontanti. Bilel Amuri stqarr mieghu wkoll li dan ir-ragel kellu sikkina f'id minnhom filwaqt li kellu kaxxa tal-kartun fl-id l-

ohra u li go din il-kaxxa kien hemm bomba. Izid jghid li ghal darb'ohra rrizultalu li l-kaxxa kienet vojta. Izid jghid li Bilel Amuri stqarr mieghu li r-ragel mar lejn Triq Don Rua u seta' jisma' karozza titlaq b'velocità gholja. Jghid ukoll li l-filmati li ngabru fl-akkwati wrew l-istess tip ta' xena li sehh fl-incidenti ohra u cioè suspettat jinzel u jirkeb go karozza tal-ghamla Subaru J10 bin-numru GBX-726. Jghid li dan kollu kien indikazzjoni li s-serqiet kienu qeghdin jigu kommessi mill-istess persuna.

Ikompli jixhed li fl-ghaxra (10) ta' Jannar 2020 ghall-habta ta' nofs il-lejl gie nfurmat illi kienet ghadha kif sehhet serqa gewwa lukanda bl-isem ta' 1926 Hotel li tinsab gewwa Triq Thornton, Tas-Sliema. Jghid li kien dahal ragel liebes hoodie u xalla. Izid jghid li dan ir-ragel hedded lill-haddiema sabiex ituh flus stante li kellu kaxxa li tikkontjeni bomba. Jghid li dakinhar iz-zewg (2) haddiema li kienu prezenti fuq il-post kienu Ylukot Rekovsky (karta tal-identità numru 144133A) u Paul Ryan Apilado (karta tal-identità 222776A). Jghid li dakinhar ma kien insteraq xejn stante li l-aggressur beza' u telaq jigri. Jghid li z-zewg (2) haddiema stqarrew li apparti kaxxa kellu wkoll arma li tixbah turnavit. Jghid li l-kaxxa tal-kartun kienet giet ezaminata u rega' gie kkonfermat mis-

sistema ta' CCTV's li kienet intuzat l-istess vettura tal-ghamla Subaru J10.

Jixhed li fil-hdax (11) ta' Jannar 2020 rega' gie infurmat li kienet sehhet serqa gewwa l-Convenience Shop gewwa Triq Hal Luqa, Hal Qormi. Jghid li hu tkellem ma' Eysleen Xuereb li infurmatu li kien dahal ragel mghammad u talabha l-flus bit-theddida li juza l-bomba li kellu f'idejh biex jisplodi kull m'hemm. Izid jghid li l-istess Eysleen Xuereb setghet tara l-imnieher u l-ghajnejn tar-ragel. Jixhed li f'din is-serqa r-ragel hataf madwar elf u mitt ewro (€1,100). Jixhed li fuq din is-serqa kienet infethet Inkjesta Magisterjali minn din il-Qorti kif presjeduta u hareg mill-filmati li ngabru li regghet intuzat il-vettura tal-ghamla Subaru J10 bin-numru GBX-726. Jixhed ukoll li l-karozza saqet fid-direzzjoni ta' Haz-Zebbug. Izid jghid li dakinhar stess hu flimkien mal-kollegi tieghu sabu vettura tal-ghamla Mercedes Benz li minn fuqha l-pjanci taghha kienu maqlughin. Tali vettura nstabet fil-limiti ta' Triq Farsina go Hal Qormi fi stat ta' abbandun u li din il-vettura kienet l-istess wahda li suppost kellha n-numru GBX-726.

Ikompli jghid li huma cemplu lil certu Angel Angelov bin-numru tal-identità 63445A u gie kkonfermat li hu kien ipparkja l-vettura fl-ghalqa. Jghid li n-numru ta' registrazzjoni kien fuq il-vettura fi zmien il-Milied. Jixhed li mill-filmati prezenti fil-madwar seta' jikkonferma li fis-sebgha (7) ta' Jannar 2020 tliet kwarti qabel ma sehhet l-ewwel serqa, seta' jara ragel javvicina l-vettura tal-ghamla Mercedes u jaqla' l-pjanci tal-istess vettura. Jixhed ukoll li seta' jara l-vettura tal-ghamla Subaru J10 tersaq fil-vicinanzi tal-Mercedes.

Ix-xhud ikompli jghid li fis-sittax (16) ta' Jannar 2020 gie infurmat li sehhet serqa ohra ghall-habta tat-tmienja u hamsa ta' filghaxija minn go spizerija gewwa Triq Geronimo Abos, Iklin. Jixhed li l-haddiema prezenti kienu certu Elaine Cini u Stephanie Cassar. Jghid li spjegawlu li waqt li kienu qeghdin jghoddu l-flus fl-ahhar tal-gurnata dahal wiehed ragel gol-hanut minkejja li s-shutter kien kwazi kollu mnizzel. Jghid li qalulu dan ir-ragel kien liebes hoodie sewda u kellu basket isfar tad-drapp filwaqt li talabhom ghall-flus. Jghid li minn go din il-basket waqghet kaxxa tal-kartun filwaqt li fl-id l-ohra kellu sikkina. Jghid li hu ha l-ammont ta' disgha mija u sbatax-il ewro (€917) u telaq jigri. Ir-ragel gie deskritt bhala

wiehed ta' hamsa u tletin (35) sena, irqiq, ta' nazzjonalità Maltija u ta' tul medju. Jixhed li l-Magistrat tal-Ghassa dakinhar u cioè Magistrat Dr Josette Demicoli sejhet Inkjesta Magisterjali. Izid jghid li fuq il-kaxxa tal-kartun kien hemm il-kliem "*T. Hilfiger Jewellery*" kif ukoll il-kelma "Mosta". Izid jghid li ghalhekk ikkomunikaw mal-manager tal-hanut tal-gojjellerija li kkonferma li dik il-kaxxa bil-barcode partikolari kienet intremiet gewwa l-Imriehel dakinhar stess li sehh ir-reat.

Izid jghid li fil-filmati prezenti fl-akkwati tal-iskip gewwa l-Imriehel dehret persuna niezla mill-vettura tal-ghamla Subaru J10 fis-sebgha ta' filghaxija u jiehu l-kaxxa minn go dan l-iskip. Jixhed li wara s-serqa li sehhet dakinhar hu u l-kollegi tieghu bdew it-tfittxija ghall-vettura tal-ghamla Subaru J10 u dan billi juzaw certu karatteristici ta' din il-vettura bhal perezempju l-fatt li s-saqaf jidher imqaxxar, il-mod kif ir-raggi tad-dwal johorgu mill-headlights kif ukoll diversi daqqiet partikolari li dehru fuq il-filmati li kellhom f'idejhom. Jixhed li wahda mill-vetturi li bdew jinvestigaw kienet tappartjeni lill-akkuzat Allister Camilleri li kienet bhal donnu tolqot il-karatteristici li kienu qeghdin ifittxu fil-vettura. Jghid li tali vettura kellha n-numru BBX-763. Jixhed li mir-

ricerki li wettqu mal-kumpanija Go Mobile rrizultalhom li fil-hinijiet tas-serqiet il-mobile tal-akkuzat ma kienx jintuza. Izid jghid li fl-ghaxra (10) ta' Jannar u fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena 2020 il-mobile data jidher li kien qieghed jaqbad fil-postijiet fejn sehhew l-allegati reati. Jixhed li twettaq ID Parade tramite sett ta' ritratti lil tliet (3) vittmi u cioè Carmen Scicluna, Elaine Cini u Stephanie Cassar. Jixhed li tnejn (2) minnhom gharfu lill-akkuzat Allister Camilleri bhala l-allegat halliel.

Ikompli jghid li kien ghalhekk li nhareg mandat t'arrest fil-konfront tal-akkuzat. Jixhed li fit-tmintax (18) ta' Jannar 2020 l-akkuzat kien qieghed idur il-Hamrun bil-vettura tal-ghamla Subaru J10 u eventwalment gie arrestat fi Triq Burlò. Jghid li mit-tfittxija li saret instabu kaxxa zghira tal-kartun, balaklava sewda, tie-clips, sikkina zghira u tape. Jixhed li l-vettura ttiehdet sabiex isiru testijiet forensici. Izid jghid li saret tfittxija fir-residenza tal-eks siehba tal-akkuzat fejn instabu diversi hwejjeg li jidhru li kienu qeghdin jintuzaw mill-akkuzat fl-allegati serqiet. Jixhed ukoll li saret tfittxija gewwa r-residenza numru 36, Triq il-Kuncizzjoni, Marsa fejn gew elevati hwejjeg li huma simili ghal dak li jidhru fil-filmati waqt il-hinijet tas-serqiet. Jghid ukoll li l-akkuzat kien hareg

stqarrija fid-dsatax (19) ta' Jannar 2020 u dan wara li kkonsulta ma' zewg (2) avukati tal-ghajnuna legali u cioè Dr Josette Sultana u Dr Graziella Tanti. Jixhed li hu ma kkummentax ghall-maggor parti tad-domandi maghmulin lilu.

Illi xehdet Carmen Scicluna li tghid li fis-sebgha (7) ta' Jannar ghall-habta tal-ghaxra ta' billejl hi marret tuza ATM tal-BOV gewwa Triq San Bartolomew, Hal Qormi meta kif dahhlet il-karta tal-bank infetah il-bieb u dahal persuna maskili b'wiccu mghotti. Izzid tghid li din il-persuna qeghdet kaxxa mal-art u talabha sabiex tigbed hames mitt ewro (€500). Izzid tghid li dan ir-ragel qalilha li l-kaxxa li qieghed mal-art kienet bomba u jekk ma kinitx se ttih il-flus allura kien ser jisplodi kull m'hemm. Tghid li hi qaltlu li m'ghandhiex dak l-ammont. Izzid tixhed li hi resqet mal-genb u beda jipprova jigbed l-ammont dan ir-ragel. Tghid li r-ragel ipprova jigbed hames mitt ewro (€500), imbghad ipprova jigbed tliet mitt ewro (€300) u mbaghad mija u hamsin ewro (€150). Tghid ukoll li dan ir-ragel qalilha li ghandu bzonn il-flus sabiex ikun jista' jakkwista d-drogi u telaq 'l hemm.

Tkompli tixhed li dan ir-ragel kien liebes balaklava fejn imniehru u ghajnejh kienu jidhru sew. Tikkonferma li l-Pulizija kienu wrewlha sett ta' disa' (9) ritratti sabiex jiddentifikaw dan ir-ragel. Tippreciza li l-lewn tal-ghajnejn ta' dan ir-ragel huma kannella u l-imnieher kien tawwali. Tikkonferma l-firma taghha fuq id-dokument immarkat bhala Dok. LZ10 fejn qieghda tindika lill-akkuzat bhala l-persuna li kienet dahhlet fuqha gewwa l-kamra tal-ATM. Tghid li taht ix-xokk li kellha ma ndunatx li l-akkuzat kellu mus f'idejh izda ndunat biss wara li rat il-filmat mal-Pulizija.

Inkontroezami tixhed li l-ewwel darba li gharfet lill-akkuzat kienet mis-sett ta' ritratti li giet murija mill-Pulizija. Tghid li kienet tmienja u disghin fil-mija (98%) certa li kien l-akkuzat il-persuna li dahal gol-bank. Tixhed li l-kaxxa li dahal biha l-akkuzat kienet wahda izghar minn kaxxa taz-zarbun b'tape iswed u kienet ta' lewn kannella.

Illi xehdet <u>**WPS 256 Leanne Sant**</u> li tghid li fis-sebgha (7) ta' Jannar tas-sena 2020 fl-ghaxra u nofs l-Ghassa ta' Tas-Sliema giet infumata li kien ghadu kif sehh hold-up gewwa l-Bluebay Hotel and

Apartments gewwa Triq Sir Frederick Ponsonby, Gzira. Tixhed li hi flimkien mal-kollegi taghha nizlu fuq il-post fejn kienet digà sabet membri tal-RIU. Tghid ukoll li kellha tinghalaq it-triq stante li nstab packet tal-kartun b'lewn kannella bit-tape imdawwar mieghu. Tkompli tispjega li kien gie mitkellem ir-receptionist tal-lukanda u cioè l-vittma li kien fuq xoghol dakinhar u kien spjega li aggressur dahal jisraq filwaqt li heddidhom li ghandu bomba f'idejh u kien lest li jisplodi kull m'hemm. Tixhed li l-lukanda giet evakwata filwaqt li t-triq inghalqet u ssejhu l-Bomb Disposal Unit li skoprew li l-bomba kienet falza.

Tixhed li r-receptionist kien certu Milos Stojanovic. Tixhed ukoll li wara li kellmet lill-Ispettur Jonathan Ransley u l-Ispettur Fabian Fleri nfethet Inkjesta Magisterjali. Tghid li l-fdalijiet tal-bomba falza gew elevati mill-membri tal-Forensic Unit u cioè PS 385 u PS 637. Tghid li l-aggressur irrnexxielu jisraq ammont ta' sitt mija u hamsin ewro (€650) bhala flus kontanti minn wara l-counter tar-reception.

Illi xehed **PS 363 Wayne Rodney Borg** li jghid li fis-sebgha (7) ta' Jannar tas-sena 2020 kienet giet Carmen Scicluna gewwa l-Ghassa ta' Hal Qormi sabiex tirrapporta li waqt li kienet qieghda taghmel depozitu gewwa l-bank tal-BOV fi Triq San Bartolomew kien mar fuqha ragel ta' madwar erbghin (40) sena li kien liebes balaklava, gakketta tal-gilda kannella u qalziet skur. Jghid ukoll li hi ddeskriviet li dan ir-ragel kellu ghajnejh skuri u beda jitlobha sabiex tigbidlu hames mitt ewro (€500). Jixhed li Carmen Scicluna stqarret li dan ir-ragel ipprova jigbed il-flus tliet darbiet izda ma rnexxielux jigbed il-flus. Jghid li l-ewwel darba pprova jigbed hames mitt ewro (€500), it-tieni darba tliet mitt ewro (€300) u t-tielet darba mija u hamsin ewro (€150). Jghid ukoll li hi stqarret mieghu li r-ragel qalilha li kien qieghed jaghmel dan kollu stante li kellu problema tad-droga. Izid jghid li l-istess vittma stqarret li l-aggressur kellu kaxxa tal-kartun u li beda jishaq li kien fiha bomba. Jghid li hu flimkien ma' PS362 u PC1371 wettqu spezzjoni fil-bank u filwaqt li ma kien jidher xejn innutaw li hemm sistema ta' CCTV. Jixhed li hu ma gabarx il-filmati u ma kienx ra l-filmati.

Jixhed ukoll li hu kien involut f'rapport iehor dwar incident li sehh fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena 2020 fejn waqt li kien gewwa l-

Ghassa ta' Hal Qormi gie infurmat fit-tmienja u kwart ta' filghaxija li kienet ghadha kemm sehhet serqa gewwa l-Convenience li jinsab fi Triq Hal Luqa gewwa Hal Qormi. Din l-infomrazzjoni giet a konjizzjoni tieghu tramite telefonata minn Eysleen Xuereb li hija impjegata tal-istess Convenience. Stqarret mieghu li kien dahal ragel li talabha l-flus u heddidha li ghandu kaxxa b'bomba go fiha. Kompliet tghidlu li dan ir-ragel fil-fatt ha certu ammont ta' flus u harab jigri. Jghid li fuq il-post marru l-kollegi tieghu li hadu l-verzjoni tal-istess Eysleen Xuereb u Christopher Ventura filwaqt li giet mitkellma sid il-hanut u cioè Janet Cauchi.

Ikompli jixhed li Janet Cauchi infurmatu li hi saret taf b'dan l-avveniment minghand Eysleen Xuereb u fil-fatt nizlet mill-ewwel fuq il-post sabiex tara l-ammont ta' flus li ttiehed. Ikkonfermat mieghu li l-ammont misruq kien dak ta' elf u erbgha u disghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€1,094.43). Jghid li hu informa lill-kollegi tieghu gewwa l-RIU u s-CID. Jghid li hu talab sabiex jigu elevati kwalunkwe filmati li seta' kien hemm fil-hanut. Jghid ukoll li Eysleen Xuereb spjegatlu li dan ir-ragel kien mar hdejha mal-counter u talabha l-flus bit-theddida li go kaxxa li kellu f'idejh kien hemm bomba. Jixhed li hi qaltlu li obdiet u tatu ammont ta' bejn

hames mitt ewro (€500) u elf ewro (€1,000) u fil-fatt harab 'l hemm. Jghid li r-rapport li sar iddeskriva persuna maskili rqiq, ta' tul medju, filwaqt li kellu wiccu mghotti bil-parti t'ghajnejh biss jidhru. Jixhed li l-ghajnejn gew deskritti b'lewn kannella filwaqt li l-istess Eysleen Xuereb ratlu wkoll marki bil-ponot fuq wiccu. Jixhed li hu kien acceda fuq il-post ftit iktar tard wara l-kollegi u ma kienx innota xejn partikolari filwaqt li ma rax il-filmati.

Illi xehed <u>PC 524 James Lomax</u> li jghid fis-sebgha (7) ta' Jannar 2020 giet Carmen Scicluna gewwa l-Ghassa ta' Hal Qormi fl-ghaxra u ghoxrin ta' filghaxija li rrapurtat li meta marret biex taghmel depozitu gewwa l-ATM tal-fergha tal-BOV gewwa Triq San Bartolomew, Hal Qormi giet persuna maskili ta' madwar erbghin (40) sena u talabha sabiex tigbidlu hames mitt ewro (€500). Jixhed li Carmen Scicluna ma rnexxilhiex tigbed dan l-ammont u lanqas ma rnexxhielha tigbed l-ammont ta' tliet mitt ewro (€300) u wisq anqas ta' mija u hamsin ewro (€150). Jghid li l-vittma stqarret li dan l-aggressur kien stqarr maghha li kellu problemi tad-drogi filwaqt li beda juriha kaxxa li allegatament kien fiha bomba. Jghid li xhin dan l-aggressur induna li ma setax jiehu l-flus telaq minn fuq il-post.

Illi xehed **PS 157 Brian Mifsud** li jghid li kien sehh hold-up fid-disgha (9) ta' Jannar tas-sena 2020 gewwa l-Windsor Hotel li tinsab gewwa Triq Windsor, Sliema. Jghid li dan kollu kien gie rrappurtat minn certu Bilel Amouri bil-karta tal-identità numru 203567A. Jixhed li r-rapport dahal fl-ghaxra neqsin ghaxra ta' billejl filwaqt li l-incident innifsu sar bejn id-disgha u nofs u hamsa u l-ghaxra neqsin ghoxrin ta' billejl. Il-vittma u cioè Bilel Amouri stqarr li kien dahal persuna fuqu jheddu b'xi tip ta' sikkina filwaqt li halla warajh kaxxa tal-kartun kannella b'tape mdawwar maghha fuq id-desk. Ikompli jghid li gie avzat l-Ispettur tieghu u bdew jitmexxew l-investigazzjonijiet b'dana li ngabru l-filmati fl-akwati mis-CID. Jghid li meta acceda fuq il-post hu ra l-kaxxa u li din eventwalment giet elevata mill-Pulizija tas-SOCO u dan waqt li kienu fuq police work. Jikkonferma li fil-prezenza tieghu hadd ma mess il-kaxxa. Ikompli jixhed li kien gie rrappurtat li kien insteraq s-somma ta' madwar mitejn ewro (€200) li kienu gol-kexxun quddiem fejn jahdem il-vittma. Jixhed li l-istess vittma kien ra lis-suspettat li kien mghammad jigri go Triq Don Rua u minn hemmhekk harab tramite karozza.

Illi xehdet il-vittma **<u>Eysleen Xuereb</u>** li tghid li hi tahdem gewwa il-Convenience Shop for Puttinu Cares gewwa Triq Hal Luqa, Hal Qormi. Tixhed li fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena 2020 kienet qieghda xoghol ma' certu Christopher meta f'hin minnhom meta marret iggib xi sapun minn gewwa dahal wiehed ragel b'haga sewda fuq mohhu. Tghid li meta giet hdejn il-counter tal-gobon dan ir-ragel qalilha biex ittih dak kollu li kellha. Tghid li filwaqt li marret hdejn fejn jinzammu l-flus kontanti dan ir-ragel dahhal basket vjola wara l-cash u hi tatu flus karti kif ukoll muniti. Tghid li fl-istess waqt il-malvivent tefa' kaxxa b'tape iswed u infurmaha li dik hija bomba u biex ma ccempel lil hadd. Tghid li dan sehh fit-tmienja u ghaxra ta' filghaxija. Izzid tghid li dan ir-ragel kellu wiccu mghotti izda setghu jidhru ghajnejh. Tghid li dan ir-ragel li dahal fil-hanut kien ta' tul medju, kien irqiq, kien liebes kollox iswed ghajr ghal jeans li kien ta' lewn blu. Tghid li hi ma giet murija ebda ritratti mid-Depot tal-Pulizija. Izzid tghid li b'kollox hi tat flus fl-ammont ta' madwar elf u mitt ewro (€1,100).

Illi xehed il-vittma **<u>Milos Stojanovic</u>** bil-lingwa Ingliza li jghid li hu jahdem bhala receptionist gewwa il-Bluebay Hotel li ggib l-indirizz ta' 50, Triq Frederick Ponsomby, Gzira. Jixhed li hu kien involut

f'zewg (2) incidenti ta' serq. Jghid li t-tieni incident sehh fis-sebgha (7) ta' Jannar tas-sena 2020 fl-ghaxra u nofs ta' billejl waqt li hu kien qieghed jahdem fir-reception tal-lukanda. Jixhed li f'hin minnhom ra lil xi hadd javvicinah li kien liebes gakketta tal-isport ta' lewn isfar, gakketta ohra ta' lewn iswed, ingwanti ta' lewn blu kif ukoll sikkina b'tul ta' madwar tliet centimetri u wisa' ta' madwar centimetru. Jghid li din il-persuna qaltlu sabiex jghaddih xi flus li seta' kien hemm u ghalhekk tah bejn sitt mija u sitt mija u hamsin ewro. Izid jghid li din l-istess persuna kellha pakkett b'tape iswed u qaltlu li go dan il-pakkett hemm bomba u li jekk jipprova jcempel ghall-ghajnuna jisplodi kull m'hemm. Jghid li dan il-pakkett thalla hdejn il-bieb u din il-persuna harbet tigri lejn in-naha tax-xellug tal-lukanda.

Izid jghid li hu cempel lill-manager kif ukoll lill-Pulizija li evakwaw il-lukanda u gabu l-Bomb Disposal Unit sabiex jivverifikaw din il-bomba kinitx falza jew le u fil-fatt kulma kien hemm gol-pakkett kienu gebel. Jghid ukoll li din il-persuna kellmitu bil-lingwa Ingliza izda kellha accent Malti. Jixhed li hu ma giex muri sett ta' ritratti sabiex jaghraf min kienet din il-persuna. Jghid li jista' jkun li din il-persuna kienet l-akkuzat. Jghid ukoll li jumejn qabel dan l-

incident sehh incident simili izda l-agressur kien itwal u kien ehxen.

Illi xehed **<u>Christopher Mamala Ventura</u>** bil-lingwa Ingliza li jghid li hu jahdem gewwa il-Convenience Shop u skont x'jghidlu l-manager hu jahdem go diversi minnhom. Jghid li dakinhar li sehh l-allegat reat hu kien qieghed jahdem gewwa Hal Qormi u li mieghu kien hemm certu Eysleen. Jixhed li l-allegat incident sehh gimghat qabel ma xehed u kienu t-tmienja u ghoxrin ta' filghaxija waqt li kien qieghed jipprepara biex inaddaf il-hanut. Jghid li hu kien gewwa t-toilet ifittex sapuna sabiex Eysleen tkun tista' tahsel xi platti meta sehh l-allegat reat. Jghid li eventwalment giet tigri hdejh Eysleen u kienet fi stat bezghana u kwazi se tibda tibki. Jixhed li Eysleen qaltlu li xi hadd kien dahal u seraq xi flus minn gol-hanut. Jghid li hu ma rax din il-persuna.

Illi xehed **<u>Bliel Amouri</u>** bil-lingwa Ingliza li jghid li jahdem gewwa l-Windsor Hotel gewwa Triq Windsor, Sliema. Jixhed li ma jiftakarx il-gurnata meta sehh l-allegat incident izda jiftakar li kien madwar id-disgha jew id-disgha u nofs ta' billejl. Jghid li jaf li dan l-allegat

incident sehh fis-sena 2020. Izid jghid li hu jahdem bhala receptionist gewwa din il-lukanda. Jixhed li dakinhar tal-allegat incident hu kien qieghed jahdem meta dahal ragel liebes hoodie, ingwanti filwaqt li kellu sikkina f'idejh. Jghid li seta' biss jara l-ghajnejn ta' din il-persuna. Jixhed li dan ir-ragel talbu l-flus u hekk kif tah li ried halla kaxxa u harab jigri 'l barra. Jippreciza li s-sikkina li kellu f'idejh kienet iqsar minn ghaxar centimetri.

Ikompli jixhed li l-ammont ta' flus li ha dan ir-ragel kien fl-ammont ta' mija u erbgha u tmenin ewro (€184). Izid jghid li hu pprova jsegwih stante li hareg mil-lukanda u dar lejn in-naha tal-lemin. Jixhed li però ma lahaqx rah jitlaq bil-karozza izda gharaf li din il-karozza li uza l-agressur kienet wahda li topera bid-diesel. Jixhed ukoll li l-agressur uza l-lingwa Ingliza u li kellu accent Malti. Jikkonferma li l-Pulizija ma wrewhx sett ta' ritratti sabiex ikun jista' jgharaf lill-agressur.

Illi xehdet <u>id-Deputat Registratur Benjamina Mifsud</u> li pprezentat l-atti tal-inkjesta Nru. 95/2020 redatt mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit, l-inkjesta Nru. 131/2020 redatt mill-Magistrat Dr

Audrey Demicoli kif ukoll l-inkjesta Nru. 205/2020 redatt mill-Magistrat Dr Josette Demicoli.

Illi xehed PS 3 Kevin Grima li jghid li fis-sittax (16) ta' Jannar tas-sena 2020 fit-tmienja u kwart ta' filghaxija hu kien l-Ghassa tal-Birkirkara meta gie infurmat li kienet sehhet serqa gewwa l-ispizerija Iklin Pharmacy li tinsab fi Triq General Abos, Iklin. Jixhed li hu flimkien ma' PC 748 u PC 383 marru fuq il-post fejn sabu sitwazzjoni trankwilla. Jixhed li huma kellmu zewg (2) impjegati u cioè lil Stephanie Cassar u Elaine Cini fejn huma sostnew mieghu li fit-tmienja u hamsa ta' filghaxija huma kienu gol-ispizerija bix-shutter parzjalment imnizzel. Jghid li huma stqarrew li minn taht dan ix-shutter dahal ragel gol-hanut liebes hoodie sewda u jeans ta' lewn iswed. Izid jghid li huma ddeskrivewh bhala ragel irqiq. Ikompli jispjega li z-zewg (2) haddiema qalulu li dan ir-ragel hareg kaxxa kannella minn go basket isfar filwaqt li talabhom biex jaghtuh il-flus. Jixhed ukoll li dan ir-ragel kellu sikkina f'idejh. Jikkonferma li l-flus kontanti li tawh kien fl-ammont ta' disa' mija u sbatax-il ewro (€917). Jghid li hu informa lill-Ispettur Roderick Spiteri li mbaghad informa lill-Magistrat tal-Ghassa fejn inhatret Inkjesta Magisterjali. Izid jghid li eventwalment gie fuq il-post sid

il-propjetà u cioè Alexander Fenech li flimkien mieghu raw il-filmati li kien hemm fuq is-sistema tas-CCTV. Jixhed li mill-filmati hu seta' jikkonferma l-fatti li gew moghtija lilu miz-zewg (2) impjegati. Jikkonferma li r-rapport immarkat bhala Dok. LZ8 gie redatt minnu.

Illi xehed <u>PS 1268 Ivan Caruana</u> li jghid li fl-ghaxra (10) ta' Jannar tas-sena 2020 ghall-habta ta' nofsillejl gie infurmat li sehh hold-up gewwa l-lukanda Hotel 1926 li qieghda go Triq Thornton, Sliema. Jghid li gie infurmat li dahal ragel li mar fuq iz-zewg (2) receptionists li kienu prezenti, tefalhom kaxxa fuq id-desk u qalilhom li kienet bomba. Jghid ukoll li gie infurmat li hareg tornavit u talabhom il-flus. Jixhed li dan ir-ragel fil-fatt ma kien ha xejn u harab jigri minn fuq il-post. Jixhed li dan kollu gie kkonferma mill-haddiema li kienu prezenti u cioè certu Trincovsky u Apilado. Jixhed li bl-ghajnuna tal-RIU twettqet tfittxija tal-agressur li rrizulta fin-negattiv. Jixhed li l-kaxxa li thalliet gol-lukanda giet elevata minnu stess u tqieghdet go borza tal-forensika bin-numru L00365856 filwaqt li hejja wkoll rapport li jinsab esebit u mmarkat bhala Dok. LZ6.

Illi xehed **Alexander Fenech** li huwa l-propjetarju tal-Brown's Pharmacy. Jghid li fis-sittax (16) ta' Jannar tas-sena 2020 kien hemm hold-up gol-hanut li jinsab fl-Iklin. Jixhed li l-impjegati tieghu cemplulu wara li gara l-allegat reat u meta nizel gol-hanut digà kien hemm il-Pulizija prezenti. Jixhed li hu kien ta access ghall-cameras filwaqt li anke cempel biex jivverifika jekk kienx hemm cameras fil-vicinanzi. Jixhed li l-flus li nsterqu kien jasal ghall-ammont ta' disa' mija u tmintax-il ewro (€918). Jghid li dan seta' jikkonfermah stante li kumbinazzjoni l-impjegati tieghu kienu qeghdin jaghlqu l-cash register.

Illi xehdet **Elaine Cini** li tghid li tahdem bhala assistent gewwa l-ispizerija tal-Iklin. Tixhed li fis-sittax (16) ta' Jannar tas-sena 2020 waqt li hi u kollega taghha (u cioè Stephanie Cassar) kienu qeghdin jaghlqu l-hanut fit-tmienja ta' filghaxija dahal ragel b'sikkina f'idejh minn taht ix-shutter. Tghid li dan ir-ragel talab il-flus minn ghandhom u hi tatu kollox li kien hemm u harab. Tixhed ukoll li dan ir-ragel kien liebes hoodie ta' lewn iswed u jeans blu. Tghid ukoll li dan ir-ragel kien irqiq u ghajnejh kienu ta' lewn kannella filwaqt li mniehru kien pjuttost partikolari. Tixhed li matul dan l-

avveniment dan ir-ragel kellu sikkina f'idejh. Izzid tghid li din is-sikkina kienet twila bejn wiehed u iehor ghaxar centimetri.

Tkompli tixhed li iktar tard gew il-Pulizija fuq il-post biex jaghmlu l-investigazzjonijiet taghhom fejn instabet kaxxa li ma kinitx indunat biha qabel. Tghid li gol-kaxxa nstabu l-gebel. Izzid tghid li eventwalment kellha tmur id-Depot sabiex jiddentifikaw il-persuna li dahlet fil-hanut u dan billi tara sett ta' ritratti ta' persuni li possibilment setghu dahlu gol-hanut. Tghid li mir-ritratti li rat setghet tgharaf li kien l-akkuzat li dahal gol-hanut. Tixhed li hi setghet tgharfu mill-fattizji ta' ghajnejh u mniehru. Izzid tghid li dakinhar l-ammont ta' flus li nsteraq kien bejn l-ammont ta' disa' mija u tmintax-il ewro (€918) u disa' mija u ghoxrin ewro (€920) u dan stante li fl-ahhar tal-gurnata hi taghmel rendikont ta' x'ikollhom fil-cash register.

Illi xehdet <u>Stephanie Cassar</u> li tghid li hi tahdem bhala spizjara fl-ispizerija tal-Iklin. Tixhed li fis-sittax (16) ta' Jannar tas-sena 2020 hi u l-kollega taghha Elaine Cini kienu qeghdin jaghlqu l-hanut fit-tmienja u hamsa ta' billejl. Tghid ukoll li kienu qeghdin jghoddu l-

flus kontanti u hallew il-flus fuq il-bank. Tixhed li dak il-hin dahal ragel minn taht ix-shutter u filwaqt li hi hasbet li ried jinqeda ndunat li fil-fatt dan kien dahal bl-intenzjoni li jisraq stante li rat lill-kollega tgholli jdejha bil-biza'. Tghid li fil-fatt dan ir-ragel talab il-flus u pproceda biex jiehu l-flus li kien hemm fuq il-bank. Tixhed li l-istess ragel kellu sikkina f'idejh filwaqt li fl-id l-ohra kellu borza safra li minnha waqghet kaxxa x'hin gie mal-bank tal-hanut. Tixhed li din il-kaxxa kienet ta' lewn kannella u d-daqs taghha kienet simili ghal ktieb ta' daqs A5. Izzid tghid li s-sikkina kienet twila bejn ghaxar u tnax-il centimetru. Tkompli tixhed li r-ragel li dahal gol-hanut kien irqiq u kien liebes hoodie ta' lewn iswed. Izzid tghid li dan ir-ragel seraq bejn disa' mija u ghaxar ewro (€910) u disgha mija u ghoxrin ewro (€920). Tixhed li hi ma ntalbitx tmur id-Depot sabiex tigi murija sett ta' ritratti.

Illi xehed **PC 903 Francesco Farrugia** li jghid li fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena 2020 fit-tmienja u kwart gie infurmat b'telefonata gewwa l-Ghasssa ta' Hal Qormi minn impjegata tal-Convenience Shop gewwa Triq Luqa, Hal Qormi li stqarret mieghu li kien ghadu kif dahal ragel li seraqhom u dan billi heddidhom li ghandu kaxxa

b'bomba go fiha. Jikkonferma li r-rapport esebit u mmarkat bhala Dok LZ7 gie redatt minnu.

Illi xehed <u>Ljupcjo Trenkovski</u> bil-lingwa Ingliza li jghid li huwa jahdem bhala front office manager gewwa l-lukanda bl-isem ta' 1926 Hotel u li tinsab gewwa Tas-Sliema. Jghid li f'lejl minnhom bejn id-disgha (9) u l-hdax (11) ta' Jannar tas-sena 2020 kien qieghed jahdem filghaxija flimkien mal-kollega tieghu certu Paul meta dahal wiehed ragel jitlob il-flus filwaqt li jhedded li go kaxxa f'idejh hemm bomba. Jghid li hu haseb li kienet cajta izda x'hin ra l-kollega tieghu beda jibza' hu mexa lejn ir-ragel u saqsieh b'ton mgholli xi flus ried. Jghid li b'din il-mossa ir-ragel beda jinkwieta u harab barra. Izid jghid li din il-kaxxa kienet wahda tal-karta bit-tape mwehhel mieghu. Izid jghid ukoll li r-ragel kellu tornavit f'idejh li kien twil madwar ghoxrin centimetri. Jghid li r-ragel li dahal fil-lukanda kien l-akkuzat u dan stante li seta' jaghrfu mill-istatura izda mhux minn wiccu. Jghid li l-akkuzat kellu maskra fuq wiccu kif ukoll hoodie. Jikkonferma li l-Pulizija ma kkomunikawx mieghu biex jigi muri xi sett ta' ritratti.

Illi xehdet <u>Odette Sciberras</u> li hija s-siehba tal-akkuzat u li flimkien ghandhom tifla bejniethom. Ghazlet minn jeddha li ma tixhidx fil-konfront tal-akkuzat.

Illi xehdet <u>Janet Cauchi</u> li tghid li hi tokkupa l-kariga ta' shop manager tal-hanut Convenience Shop gewwa Triq Hal Luqa, Hal Qormi. Tixhed li kienet qieghda d-dar dakinhar tal-allegat incident meta cemplet impjegata tal-hanut u cioè Christine Xuereb li infurmatha li kien hemm serqa fil-hanut. Tghid li hi nizlet immedjatament gewwa l-hanut u kif waslet inzertat lill-Pulizija. Tixhed li hi bdiet tghin lill-Pulizija billi turihom il-filmati fuq is-sistema ta' CCTV li kienet fuq il-mobile taghha. Tixhed li l-ammont li nsteraq kien dak ta' elf u erbgha u disghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€1,094.43). Tixhed li bhala gurnata li sehh l-allegat reat kien is-Sibt tas-sena 2020.

Illi xehed <u>Paul Ryan Apilado</u> bil-lingwa Ingliza li jghid li hu jahdem gewwa lukanda li topera gewwa Tas-Sliema. Jghid li l-allegat reat sehh fis-sena 2020 u kien billejl. Izid jghid li kien qieghed jahdem mal-front desk bhala receptionist u nnota li dahal ragel b'mixja

partikolari. Jghid ukoll li dan ir-ragel kien liebes hoodie u parti minn wiccu kien mghotti. Jixhed li kellu kaxxa f'idejh u li f'hin minnhom waqqa' l-kaxxa mal-art hdejn ir-reception bit-theddida li din kienet bomba. Jixhed li wara li nnota li kienet kaxxa vojta hu kkomunika ma' ta' fuqu u cioè certu Luctor. Jixhed li hu seta' jgharaf lill-akkuzat stante li rah miexi bl-istess mod li l-aggressur dahal fil-lukanda.

Illi xehed **<u>Angel Angelov</u>** bil-lingwa Ingliza li jghid li darba minnhom f'Jannar tas-sena 2020 ircieva telefonata mill-Pulizija. Jghid li l-Ispettur Fleri kien infurmah li kellu l-pjanci tal-karozza neqsin. Jghid li l-pjanci huma koncernati ma' karozza tal-ghamla Mercedes. Izid jghid li s-sid ta' din il-vettura kien wiehed certu Peter Ranchov li jirrisjedi gewwa San Pawl il-Bahar. Jixhed li l-karozza kienet ipparkjata gewwa ghalqa privata li tippartjeni lil certu Ray Fenech u dan fix-xahar ta' Awwissu jew Settembru tas-sena 2019.

Illi xehed <u>PS 954 James Mangion</u> li jghid li fis-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena 2020 gie infurmat li gewwa ghalqa fi Triq tal-Hlas, Hal

Qormi kien hemm karozza tal-ghamla Mercedes li kienet ilha fi stat mitluq gewwa ghalqa. Jghid li s-sid ta' din il-karozza sabha u skopra li l-hgiega ta' wara tan-naha tal-passiggier kienet sgassata. Jghid li gie infurmat mill-Ispettur Lydon Zammit li fit-tnejn (2) ta' Jannar 2020 kien sab ukoll il-pjanci ta' wara u ta' quddiem bin-numri ta' din il-vettura. Jixhed li r-rapport gie maghmul minn certu Angel Angelov li huwa ta' nazzjonalità Bulgara.

Illi xehed Petar Stefanov Angelov bil-lingwa Ingliza li jghid li huwa s-sid ta' vettura tal-ghamla Mercedes bin-numru GBX-726. Jixhed li hu kien ta din il-vettura lill-habib tieghu Angelo Angelov. Jghid li darba minnhom f'Jannar dan il-habib tieghu kien ikkomunika mieghu biex jinfurmah li l-hgiega ta' wara tal-karozza kienet giet zgassata u li l-pjanci kienu neqsin. Jixhed li hu kien ta l-karozza lil Angelo madwar Mejju u Gunju tas-sena 2019 u li kien ipparkja l-karozza gewwa car park f'Hal Qormi.

Illi xehed Brian Farrugia inrapprezentanza ta' Transport Malta li jghid li mir-ricerka li wettaq il-vettura bin-numru GBX-726 hija mutur kulur iswed u li tali mutur huwa rregistrat fuq isem certu

Mikhail Degiorgio bil-karta tal-identità numru 589790M u li din ir-registrazzjoni ilha fis-sehh mid-disgha (9) ta' Awwissu tas-sena 2019. Jixhed ukoll li rigward it-tieni vettura rrizultalu li din hija tal-ghamla Subaru J10 ta' lewn blu rregistrata fuq isem Allister Camilleri bil-karta tal-identità numru 150180M u dan mit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena 2015.

Illi xehdet <u>Joanna Bartolo</u> inrapprezentanza tal-bank BOV li tghid li Carmen Scicluna (karta tal-identità numru 418989M) ghandha karta tal-Cashlink abbonata mal-kont numru 40015360478 liema karta kellha tliet (3) attentati ta' withdrawals fis-sebgha (7) ta' Jannar tas-sena 2020 ghall-habta tal-ghaxra ta' billejl. It-tliet (3) ammonti li kienu ser jingibdu kienu ta' hames mitt ewro (€500), tliet mitt ewro (€300) u mija u hamsin ewro (€150). Tixhed li t-tliet (3) tentattivi kienu bla success stante li ma kienx hemm bizzejjed fondi.

Illi xehed <u>PS 1255 Christian Azzopardi</u> li jghid li f'Jannar tas-sena 2020 kien hemm rapporti ta' serje ta' serqiet li sehhew bl-istess *modus operandi* u li hu kien parti minn tim li kien qieghed

jinvestiga l-persuna wettaq tali serqiet. Jixhed li wara gimghat ta' investigazzjonijiet fit-tmintax (18) ta' Jannar 2020 kien arresta lill-akkuzat Allister Camilleri. Jghid li hu kien mar fir-residenza tas-siehba tieghu Odette Sciberras li stqarret mieghu li ghalkemm m'ghadhomx flimkien hi kienet qieghda tahsillu l-hwejjeg. Jixhed li l-indirizz ta' tali residenza huwa 10, Sqaq numru 1, Triq id-Duluri, Hamrun. Jghid li hu kien eleva xi hwejjeg prezenti fuq il-post. Izid jghid li hu sab qalziet tal-pyjama, flokk bid-ditta GI, flokk orangjo, zip-up hoodie safra, denim jeans, T-shirt ta' lewn blu, zip-up hoodie ta' lewn blu u track suit ta' lewn ahmar.

Izid jghid li wara baqa' sejjer fil-fond fejn kien jirrisjedi l-akkuzat u cioè 36, Triq il-Kuncizzjoni, Marsa. Jghid li hemmhekk eleva xi zraben fosthom zarbun iswed tad-ditta Puma, zarbun iehor blu tad-ditta Puma u zarbun iehor. Jghid li b'dawn l-oggetti elevati seta' jqabbilhom mal-filmati li kellhom f'idejhom tas-serqiet u dan tramite stills minn CCTV. Tali stills gew ipprezentati bhala Dok. CA2, Dok. CA5, Dok. CA8 u Dok. CA9. Jixhed li tali tfittxija sehhet fil-prezenza ta' missier l-akkuzat kif ukoll l-akkuzat innifsu.

Illi xehed **<u>l-Ispettur Colin Sheldon</u>** li jghid li hu kien involut fl-investigazzjoni ta' zewg (2) serqiet kemm min-naha tad-Distrett kif ukoll min-naha tas-CID fejn fid-disgha (9) ta' Jannar tas-sena 2020 kien cempillu PS 15 Brain Mifsud fid-disgha u nofs u hamsa ta' billejl li nfurmah li dahal ragel mghammad gewwa l-lukanda Windsor Hotel fi Triq Windsor, Tas-Sliema. Jghid li gie spjegat dan ir-ragel dahal hdejn ir-reception b'kaxxa f'idejh. Dan ir-ragel tefa' l-kaxxa fuq il-front desk u kellu wkoll sikkina. Jghid li beda jinsisti mal-haddiema sabiex jghaddulu flus kontanti li kien hemm prezenti. Jixhed li r-receptionist kien certu Bidel Amuri li qabad il-flus kontanti li kellu u cioè mitejn ewro (€200) u ghaddiehom lil dan ir-ragel. Hekk kif sehh dan l-avveniment ir-ragel telaq barra u harab permezz ta' vettura li kienet qieghda tistennih. Ikompli jixhed li hu kkomunika mal-Magistrat tal-Ghassa u cioè l-Magistrat Dr Doreen Clarke li tat struzzjonijiet sabiex isir police work. Jikkonferma li s-CID kienu gabru l-filmati prezenti fuq is-sistema tas-CCTV.

Izid jghid li l-incident li kien involut fih hu kien sar fl-ghaxra (10) ta' Jannar tas-sena 2020 fejn gie infurmat mis-Surgent 1268 Caruana li f'nofsillejl neqsin kwart kien dahal ragel gewwa l-

lukanda 1926 gewwa Tas-Sliema u tefa' kaxxa mar-receptionist u heddu li kienet bomba. Jghid li fl-id l-ohra l-malvivent kellu tornavit imdaqqas u kompla jinsisti mal-haddiem hemmhekk ghall-flus kontanti. Ikompli jghid li ftit wara dahal in-night manager u wara li qallu li mhu ser jiehu xejn, dan ir-ragel harab 'il barra filwaqt li halla l-kaxxa warajh. Jghid li z-zewg (2) haddiema sema' vettura ftit wara. Ikompli jixhed li min-naha tas-CID ingabru diversi filmati u wara li tkomplew l-investigazzjonijiet gie arrestat l-akkuzat Allister Camilleri.

Inkontroezami jixhed li kien hemm suspett li l-akkuzat ma kienx qieghed jahdem wahdu fis-sens li kien ikun hemm xi hadd jghinu jahrab tramite vettura izda qatt ma waslu ghal xi tip ta' konkluzjoni f'dawk l-investigazzjonijiet.

Illi xehdet **l-Ispettur Kylie Borg** li tghid li fis-sebgha (7) ta' Jannar tas-sena 2020 hi kienet l-Ispettur tal-Ghassa gewwa Hal Qormi meta fl-ghaxra ta' filghaxija kienet giet infurmata li gewwa l-ATM tal-bank BOV fi Triq San Bartilmew, Hal Qormi kien dahal ragel fuq mara u pprova jisraq il-flus minn ghandha waqt li kienet qieghda

tuza l-magna tal-ATM. Tixhed ukoll li l-vittma kienet certu Carmen Scicluna u li fil-fatt ir-ragel li dahal fuqha hadilha l-karta tal-bank u kull darba li kien qieghed jipprova juza l-karta ma kinitx qieghda tahdimlu. Tghid li l-vittma stqarret maghha li dan ir-ragel kien Malti, kellu ghajnejh skuri, kien liebes gakketta tal-gilda ta' lewn kannella u qalziet skur. Tghid li kompliet tistqarr maghha li dan ir-ragel heddidha li jekk ma kinitx se ttih il-flus allura kien lest li juza l-bomba li kellu go kaxxa f'idejh. Tixhed li meta tkellmet ma' kollegi taghha skopriet li kienu saru diversi serqiet fl-istess zmien u bl-istess *modus operandi*. Tixhed ukoll li hi kienet involuta lejn l-ahhar tal-investigazzjonijiet meta sussegwentement kien gie arrestat l-akkuzat Allister Camilleri.

Illi xehed <u>l-Ispettur Roderick Agius</u> li jghid li hu hejja rapport esebit fil-proces verbal a fol. 183 tal-atti processwali u kien jirrigwardja allegat hold-up li sehh fil-hdax (11) ta' Jannar 2020 fit-tmienja u kwart ta' filghaxija. Jixhed li l-Pulizija tal-Ghassa ta' Hal Qormi gew infurmati li gol-hanut The Convenience Shop li jinsab gewwa Triq Hal Luqa, Hal Qormi dahal ragel mghammad u talab il-flus minghand il-kaxxiera. Jghid li dan ir-ragel kien hedded tali kaxxiera li kellu bomba f'idejh. Izid jghid li dan ir-ragel

eventwalment harab mill-post u li l-kaxxiera kienet bezghet stante t-theddid ta' bomba. Ikompli jixhed li hi tatu l-flus u l-malvivent halla l-kaxxa kontenti l-allegata bomba warajh. Jixhed ukoll li kien informa lill-Magistrat tal-Ghassa b'dan l-akkadut u ghalhekk gie mahtur Dr Martin Bajada, Dr Richard Sladden, PS 586, WPC 348 kif ukoll PC 149 u dan ghal xoghol relevanti ghas-SOCO. Jixhed li hu kien mar fuq il-post flimkien mal-Ispettur Lydon u l-Ispettur Fleri u nbdiet investigazzjoni rigward dan il-kaz.

Illi xehed **PS 965 Maverick Camilleri** li jghid li fid-disgha (9) ta' Jannar 2020 filghaxija kien ircieva telefonata mill-Ispettur Zammit li kienet ghadha kif sehhet armed robbery gewwa l-lukanda Windsor Hotel li tinsab fi Triq Windsor tas-Sliema. Izid jghid li l-ghada beda x-xoghol dwar l-allegat incident u ghalhekk hu flimkien ma' PS 965 mar ikellem lill-vittma gewwa l-imsemmija lukanda u cioè certu Bilel Amauri. Jghid li dan stqarr li hu kien qieghed jahdem bhala receptionist fid-disgha (9) ta' Jannar 2020 meta fl-ghaxra neqsin ghaxra ta' filghaxija dahal ragel liebes kollox iswed kif ukoll balaklava go rasu ta' lewn iswed. Izid jghid li stqarr ukoll li dan ir-ragel kellu ngwanti kif ukoll baskett tal-plastik u sikkina. Dan ir-ragel avvicina lill-vittma u talab il-flus bil-lingwa

Ingliza izda b'accent Malti. Izid jghid li kompla jistqarr mieghu li hu tah il-flus li kien hemm u l-malvivent tefa' l-kaxxa u harab jigri l-barra. Il-vittma qallu li hareg jigri warajh u seta' jara lill-aggressur jikser go Triq Don Rua filwaqt li sema' karozza titlaq malajr.

Ikompli jghid li hu kien involut fl-arrest tal-akkuzat Allister Camilleri fit-tmintax (18) ta' Jannar 2020. Jghid li hu u l-kollegi tieghu bdew iduru l-Hamrun biex ifittxu lill-akkuzat meta rcieva telefonata li fil-fatt l-akkuzat gie arrestat gewwa Triq Pawlu Burlo fis-sebgha u kwart ta' filghaxija. Jixhed li hu kien gie struzzjonat mill-Ispettur Zammit u l-Ispettur Fleri sabiex imur iwettaq tfittxija gewwa residenza fejn tghix is-siehba tal-akkuzat u cioè Odette Sciberras flimkien mal-Ispettur PS 1255. Jghid ukoll li Odette Sciberras infurmathom li ghandha fil-pussess taghha hwejjeg tal-akkuzat stante li kienet tahsilhomlu. Jikkonferma li mir-residenza ta' Odette Sciberras gew elevati T-shirt orangjo, hoody orangjo bil-griz, hoody safra, flokk blu, tracksuit sewda u jeans. Jixhed ukoll li accedew fir-residenza tal-akkuzat fejn gew elevati zewg pari zraben tad-ditta Puma u zewgt'iggieket. Jikkonferma l-ircevuta tal-oggetti li gew elevati a fol. 353 tal-atti processwali.

Illi xehed <u>Dr Anthony Bonnici</u> ghan-nom tas-socjetà *GO PLC* li jghid li l-istess socjetà kienet giet mitluba tipprezenta telefonati incoming u outgoing, kwalunkwe SMS's, u internet data fil-perjodu ta' bejn l-ewwel (1) ta' Novembru 2019 u s-sittax (16) ta' Jannar 2020. Tali informazzjoni giet redatta go CD immarkat Dok. AB1.

Illi xehed <u>PC 1491 Kurt Attard</u> li jghid fid-disgha (9) ta' Jannar tas-sena 2020 meta hu u WPC 156 Lara Garcia gew infurmati mis-Surgent bin-numru 157 li kien sehh hold-up gewwa l-lukanda Windsor Hotel gewwa tas-Sliema. Jghid li hu ha hsieb li jeleva l-esebiti fosthom kaxxa ta' lewn kannella li kienet imdawra bit-tape u li giet dokumentata bhala 20ABP201. Din il-kaxxa giet mghoddija lill-PC 813 Clinton Vella mit-taqsima tal-Chemical Enhancement Unit fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena 2020. Jghid li l-analizi ta' din il-kaxxa giet redatta f'rapport esebit u mmarkat bhala Dok. KA1.

Illi xehdet <u>WPC Lara Garzia</u> li tghid li hi kienet involuta fl-investigazzjoni tal-allegat hold-up gewwa l-Windsor Hotel, Tas-Sliema fejn hi kienet mitluba tiehu ritratti tal-oggetti relevanti mal-

kaz. Tali ritratti gew pprezentati tramite rapport immarkat Dok LG1.

Illi xehdet <u>Karen Cremona</u> inrapprezentanza ta' Transport Malta li tghid li l-vettura bin-numru GBX-726 hija tal-ghamla Mercedes ta' lewn iswed irregistrata fuq Peter Stefanov Angelov bil-karta tal-identità numru 115748A. Tghid li din il-vettura ilha registrata fuq it-tali persuna mit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Awwissu 2017 u giet scrapped fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar 2020.

Illi xehed <u>Karmenu Zahra</u> li jghid li hu jixtieq jimpjega lill-akkuzat Allister Camilleri bhala delivery person fi hdan ir-restaurant "*Pizza 4 U*" gewwa l-Hamrun. Jixhed li fost il-gimgha l-ahhar ordni hija sas-saghtejn ta' filghodu filwaqt li l-Gimgha u s-Sibt l-ahhar ordni hija fl-erbgha ta' filghodu. Jixhed li allura l-akkuzat jaf ilesti xoghlu matul il-gimgha sat-tlieta ta' filghodu. Jixhed li bhala sistema ta' xoghol huma juzaw roster. Izid jghid li l-vetturi li juzaw huma mghammrin b'tracker u li s-sistema ta' din it-tracker hija ccentralizzata. Jghid li bniedem ikun kapaci jqaccat il-wire minn fuq il-vettura sabiex jitfi dan it-tracker izda huma jkunu jafu liema

vettura tkun sparixxiet minn fuq is-sistema u fejn kienet l-ahhar. Jixhed li x-xoghol taghhom jaf ikopri Malta kollha u iktar preciz minn hekk skont minn fejn jordnaw in-nies. Jixhed li r-roster tohrog kull nhar ta' Hadd. Jikkonferma li kull vettura li ghandu hija assenjata lil haddiem partikolari. Jghid ukoll li l-haddiem iwassal l-ikel tal-klijent sal-indirizz ezatt u li mhux soltu jkunu zoni generici.

Illi xehdet <u>RPC 304 Dorothy Pico</u> li tghid li hi tahdem gewwa l-Hamrun Office u li mir-ricerki li ghamlet deher li l-akkuzat ma kellux armi registrati f'ismu.

Illi regghet xehdet <u>Carmen Scicluna</u> riprodotta mill-prosekuzzjoni li tghid li l-allegat reat sehh fis-sebgha (7) ta' Jannar tas-sena 2020 gewwa l-bank tal-BOV ta' Hal Qormi.

Illi xehdu <u>WPC 348 Samantha Pace u PS 586 Mario Azzopardi</u> li jghidu li fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena 2020 kienu gew infurmati mill-Ispettur Lydon Zammit sabiex imorru gewwa l-Convenience Shop li jinsab fi Triq it-Tin, Hal Qormi. Jghidu li huma gew infurmati

li kien ghadu kif kien sar hold-up. Jixhdu li huma setghu nnutaw diversi membri tal-korp tal-Pulizija kif ukoll kaxxa tal-kartun li kienet mal-art. Izidu jghidu li din il-kaxxa ntuzat dana li l-aggressur ta' dan il-hold-up kien qal lill-haddiema li kienet bomba. Jghidu li huma gabru l-kaxxa u wettqu l-ezamijiet necessarji fuqha sabiex ifittxu impronti tas-swaba u ghal dan il-ghan il-kaxxa giet mghoddija lill-ECU. Ikomplu jghidu li hadu sett ta' erbatax (14)-il ritratti li gew ipprezentati tramite rapport immarkat bhala Dok. MA1.

Izidu jixhdu li huma wettqu rapport rigward l-incident li sehh fis-sittax (16) ta' Jannar ta' 2020. Jixhdu li hemmhekk ukoll sabu kaxxa mal-art u li giet mghoddija lill-ECU u dan sabiex jippruvaw johorgu impronti tas-swaba. Jghidu li dan l-incident sehh fil-hanut tal-Iklin Pharmacy, gewwa Triq Geronimo Abos, l-Iklin. Jghidu li dan ir-rapport gie pprezentat bhala Dok. MA2.

Illi xehed <u>PS 442 Gary Scerri</u> li jghid li fit-tmintax (18) ta' Jannar 2020 fis-sebgha u ghaxra ta' filghaxija waqqaf vettura gewwa Triq Pawlu Burlo, il-Hamrun bin-numru ta' registrazzjoni BBH-763 tal-

ghamla Subaru J10 li kienet qieghda tigi misjuqa mill-akkuzat Allister Camilleri u li gie arrestat fuq il-post. Jixhed li fit-tfittxija li sehhet instabet balaklava ta' kulur iswed, zewg (2) pari ingwanti ta' kulur iswed, hoodie ta' kulur iswed, kaxxa tal-kartun zghira, sikkina bil-manku iswed, tape tad-dawl, basket tac-carruta ahdar bil-logo "Tal-Lira" fuqu, ktieb Maze u tie-clips bojod. Jghid li hu nnota li l-vettura kellha daqqa fuq quddiem fin-naha tal-passiggier u li fuq wara taht il-pjanca tal-karozza kien hemm xi tie-clips maqbudin li dehru maqtughin.

Illi xehed <u>**Joseph Attard**</u> li huwa l-general manager ta' Sterling Jewellers jghid li kien gie mitkellem mill-Pulizija dwar kaxxa li allegatament intuzat f'serqa. Jixhed li fuq din il-kaxxa kien hemm miktub fuqha l-kelma "Mosta" li kien qieghed jirreferi ghall-hanut taghhom gewwa Vjal il-Kostituzzjoni. Jixhed li wara li kellem lil haddiema tieghu kif ukoll lis-sewwieq tal-kumpanija li jigbor iz-zibel ikkonferma li din il-kaxxa giet mormija mill-haddiema u migbura mis-sewwieq. Jghid li l-kaxxa ttiehdet gewwa l-iskip filwaqt li giet mitfugha fin-naha ta' fuq tal-iskip. Jixhed li l-iskip li juzaw huwa gewwa Triq l-Industrija, Hal Qormi. Jixhed li fl-akkwati ta' dan l-iskip il-kumpanija m'ghandhomx cameras.

Illi rega' xehed **Karmenu Zahra** li jghid li hu jaf lill-akkuzat mix-xoghol u li jixtieq jaghtih cans sabiex isib xoghol stabbli. Jixhed li hu lest li jtih xoghol full-time ta' delivery man. Jixhed li hu lest li bhala hinijiet joffrilu li jispicca fil-hdax ta' billejl u jibda' fil-hamsa ta' wara nofsinhar. Jghid li maghdud ma' dan lest li jtih xoghol filghodu halli jkun jista' jghaqqadlu erbghin (40) siegha xoghol.

Illi xehed **PS 813 Clinton Vella** li jghid li fid-disgha (9) ta' Jannar 2020 gie mqabbad biex jahdem f'kaz li sehh gewwa Windsor Hotel gewwa Triq Windsor, Sliema. Jixhed li PC 1491 Kurt Attard ghaddielu kaxxa li allegatament instabet fuq ix-xena tal-allegat reat u dan sabiex ikun jista' jsib impronti digitali. Jghid li fuq tali kaxxa hu ma setax isib impronti digitali u dan anke kif gie konkluz mir-rapport redatt minnu stess immarkat bhala Dok. CV1. Jixhed ukoll li fit-tmintax (18) ta' Jannar 2020 dahhlet vettura tal-ghamla Subaru J10 bin-numru BBH-763 gewwa l-laboratorju tax-xjenza forensika li jinsab fil-Floriana. Jghid li hu kien intalab li jassisti lil PC 111 Brandon Borg u lis-*Scene Crime Officer* PC 405 Jason Schembri.

Izid jghid li hu kien eleva xi karti u minnhom seta' johrog hdax (11)-il impronta digitali liema impronti gew esebiti f'rapport redatt minnu stess immarkat Dok. CV3.

Illi xehed <u>**PS 1337 Kevin Curmi**</u> li jghid li fit-tmintax (18) ta' Jannar 2020 hu assista lill-Ispettur Lydon Zammit u lill-Ispettur Fleri f'investigazzjoni ta' armed robberies li sehhew bejn is-sebgha (7) ta' Jannar 2020 u s-sittax (16) ta' Jannar 2020. Jixhed li fit-tmintax (18) ta' Jannar 2020 kien twaqqaf l-akkuzat Allister Camilleri hdejn il-vettura tal-ghamla Subaru J10 bin-numru BBH-763 u fiha saret tfittxija fejn gew elevati sikkina, kaxxa tal-kartun, tape tad-dawl, tape trasparenti, balaklava, basket tad-drapp ahdar, numru ta' tie-clips, hoodie iswed, ktieb tal-mapep ta' Malta u par ingwanti ta' lewn iswed. Jixhed li ghal din it-tfittxija hu kien assistit minn PS 442 Kevin Scerri. Ikompli jixhed li hu assista lil PS 1255 fi tfittxija li sehhet gewwa l-fond numru 36, Trqi il-Kuncizzjoni, Marsa. Tali residenza hija dik li l-akkuzat kien qieghed juza flimkien ma' missieru. Jixhed li minn hemm gew elevati xi oggetti, liema oggetti digà gew ipprezentati mill-istess PS 1255.

Inkontroezami jixhed li apparti dan kollu hu kien involut fl-investigazzjonijiet dana li kien idur il-filmati tas-sistemi ta' *CCTV* li kienu jinstabu fuq il-post fejn sehhew l-allegati reati.

Illi xehed <u>PC 1087 Roderick Degiorgio</u> li jghid li hu gabar u analizza l-cameras prezenti fil-postijiet fejn sehhew l-allegati reati u cioè ta' sitt (6) serqiet. Jixhed li minn dawn il-filmati hu gibed xi stills minnhom u dan sabiex jifformola timeline. Jghid li minn dawn il-filmati seta' anke jqabbel il-vettura tal-ghamla Subaru J10 u li dan kien police work. Jixhed li ghamel zmien idur u jsegwi din il-vettura. Izid jghid li biex jikkumparahom ha ritratti tal-vettura u analizza l-istess ritratti ma' stills ta' filmati li ttiehdu minn cameras gewwa Hal Qormi. Jixhed li biex iqabbel hareg marki distintivi. Izid jghid li l-vettura inkwistjoni ghandha 'l fuq minn ghoxrin (20) sena. Jixhed li l-ewwel haga li qabbel kienet il-qoxra tas-saqaf tal-vetturi kif ukoll il-mod kif inhi mwahhla l-licenzja tal-vettura. Jixhed ukoll li kien anke kkumpara d-daqqiet li jidhru fuq ir-ritratti li ha ma' stills li kien sab fuq il-filmati. Izid jghid li dawn il-paraguni kollha u ohrajn huma redatti f'rapport li hejja hu mmarkat bhala Dok. RD1. Jixhed li f'tali rapport hejja wkoll timeline ta' meta sehhew l-allegati reati.

Illi xehdet **<u>l-Ispettur Stacy Attard</u>** li tghid li d-dokument immarkat NZ11 esebit a fol. 11 tal-atti processwali huma bail conditions li nghataw mill-Magistrat Dr Monica Vella f'proceduri kriminali separati minn dawk odjern. Tixhed li dik il-kawza ntemmet u ghalhekk tali kundizzjonijiet m'ghadhomx in vigore. Tghid ukoll li sa Jannar tas-sena 2020 il-kundizzjonijiet kienu in vigore. Tikkonferma li hi kienet l-ufficjal prosekutur f'dawk il-proceduri.

Illi xehed **<u>l-Ispettur Roderick Spiteri</u>** li jghid li fis-sittax (16) ta' Jannar tas-sena 2020 kien cempillu PS 3 Kevin Grima li infurmah li kienet ghadha kif sehhet armed robbery gewwa l-Iklin Pharmacy li jinsab gewwa Triq Geronimo Abos, Iklin. Jghid li kienu qalulu li dahal ragel gol-hanut minn taht is-shutter u dan waqt li l-haddiema kienu qeghdin jghoddu l-flus kontanti filghaxija. Jixhed li r-ragel kellu borza u minn go fiha waqghet kaxxa tal-kartuna. Jghid li apparti minn hekk ir-ragel kellu xi tip ta' sikkina. Jghid li dan ir-ragel qal lill-haddiema biex jaghtuh kollox u mbaghad harab minn fuq il-post. Jixhed li hu informa lill-Magistrat tal-Ghassa u cioè Magistrat Dr Josette Demicoli u hi sejhet Inkjesta fejn inhatru diversi esperti fosthom hu li hejja rapport. Tali rapport jinsab a fol. 236 u 237 tal-atti processwali.

Illi xehed **PC 1404 Dale Cassar** li huwa stazzjonat gewwa il-Major Crimes li jghid li fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena 2020 saret serqa gewwa l-Convenience Shop, Hal Qormi u hu kien involut fl-investigazzjoni taghha. Jghid li hu mar fuq il-post flimkien mal-kollegi tieghu u tkellmu mal-vittma kif ukoll raw jekk kienx hemm cameras fil-vicinanzi. Izid jghid li kien hemm serqa ohra gewwa l-ispizerija tal-Iklin fis-sittax (16) ta' Jannar 2020. Jghid li din is-serqa sehhet bejn wiehed u iehor ghat-tmienja ta' filghaxija. Jixhed li hemmhekk ukoll dar mal-vicinanzi sabiex jikkonferma l-prezenza ta' cameras. Jixhed li mill-filmati hu seta' jinnota fi x'hin dahal u hareg il-halliel filwaqt li nnota wkoll li l-halliel kien halla kaxxa gewwa l-ispizerija wara l-counter tal-hanut. Jghid ukoll li x-shutter tal-hanut kien kwazi kollu maghluq. Jghid li l-espert mahtur fl-inkjesta gabar il-filmati li qieghed jirreferi ghalihom u jikkonferma li l-akkuzat Allister Camilleri kien gie arrestat fit-tmintax (18) ta' Jannar 2020 fis-sebgha (7) ta' filghaxija.

Ikompli jghid li l-arrest sar rigward diversi serqiet li saru f'diversi lokalitajiet fejn imur fuq in-nies u jitlobhom il-flus. Jixhed li qabel l-arrest l-akkuzat kien ghadu kif hareg mid-dar gewwa Triq Burlò Jippreciza li l-akkuzat kien go karozza tal-ghamla Subaru J10 ta'

lewn vjola. Jghid li s-sehem tieghu kien li qaghad ghassa mal-akkuzat waqt l-arrest u anke skortah id-Depot.

Illi xehed <u>Dr Mario Buttigieg</u> li kien gie nkarigat minn din il-Qorti sabiex jezamina l-vettura tal-ghamla Subaru J10 li kienet qieghda mizmuma gewwa l-bitha tas-CID u dan biex isibilha d-difetti. Jghid li fuq il-post hu ha tnejn u ghoxrin (22) ritratt u li dawn qeghdin annessi mar-rapport immarkat bhala Dok. MB1. Jixhed li hu seta' jinnota diversi hsarat partikolarment fuq il-head lamp tan-naha tax-xellug, l-indicator lamp li huwa nieqes, side lamp li hu nieqes, kif ukoll diversi daqqiet u sadid. Jixhed ukoll li sab diversi tie-clips imqacctin mal-pjanci tal-vettura. Jixhed li c-chassis number ma qabilx mal-licenzja u wisq anqas mal-magna.

Illi xehed <u>PS 385 Emanuel Dalli</u> li jghid li hu kien gie mahtur bhala Scene of Crime Photographer mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli fis-sebgha (7) ta' Jannar 2020 rigward allegat serq minn gewwa l-Blue Bay Hotel li jinsab fi Triq Ponsomby, Gzira. Jixhed li hu kien acceda fuq il-post fil-hdax u nofs ta' billejl u ha r-ritratti necessarji liema ritratti jinsabu f'rapport esebit u mmarkat bhala Dok. ED1.

Illi xehed **PC 449 Jean Claude Debono** li jghid li fid-disgha (9) ta' Jannar tas-sena 2020 kien l-Ghassa flimkien mas-Surgent 157 meta rcevew rapport li kien hemm bomba gewwa l-Windsor Hotel. Jghid li huma marru fuq il-post u sabu receptionist barrani bil-kunjom ta' Mahmud u qalilhom li dahal ragel li kien liebes kollu iswed kif ukoll balaklava sewda. Izid jghid li r-ragel kien liebes ukoll ingwanti suwed filwaqt li kellu ghajnejh cari (mhuwiex cert jekk hux blu jew hodor). Izid jghid li dan ir-ragel hareg sikkina u nghatawlu flus kontanti u pprosegwa sabiex ihalli kaxxa tal-kartun bit-tape mdawwar wara li dana sahaq li hija bomba. Izid jghid li r-receptionist telaq jigri biex isegwi dan ir-ragel sa Triq Dun Mikiel Rua izda ma lahqux stante li harab bil-karozza. Jixhed li hu sab din il-kaxxa bit-tape gol-lukanda u li din giet mghoddija lid-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Kriminali.

Illi xehed **Kevin Manicolo** li jghid li fis-sbatax (17) ta' Jannar 2020 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghaxija kien gie infurmat mill-Ispettur Jonathan Ransley li kien sar attentat ta' hold-up gewwa l-Blue Bay Hotel li tinsab fi Triq Ponsomby, Gzira. Jghid li hu rrikorra fuq il-post u sab membri tal-EOD flimkien mal-Pulizija tal-Iskwadra tar-Reati Magguri kif ukoll il-Pulizija tal-Ghassa tad-

Distrett ta' Tas-Sliema. Jixhed li waqt l-allegat incident kien thalla pakkett barra l-entrata tal-lukanda. Dan il-pakkett kien gie analizzat u ma rritorna ebda rizultat ta' periklu. Jixhed li hu pprosegwa biex jeleva dan il-pakkett li kien fih gebla filwaqt li kellu tape mdawwar mieghu. Izid jghid li hu ghadda dan il-pakkett lil PC 844 Carl Micallef sabiex ikun jista' janalizzah ghall-impronti digitali. Jixhed ukoll li hu stess ipprova jeleva impronti digitali mill-cash register izda din it-tfittxija rrizultat fin-negattiv. Jghid li dan kollu gie redatt f'rapport maghmul minnu pprezentat bhala Dok. KM1. Jghid li din l-operazzjoni kienet parti mill-inkjesta li bdiet il-Magistrat Dr Audrey Demicoli.

Illi xehed <u>PC 410 Clint Cutajar</u> li jghid li fis-sebgha (7) ta' Jannar tas-sena 2020 hu kien qieghed jahdem night watch ma' PC 1479 meta ghall-habta tal-ghaxra u nofs u hamsa ta' filghaxija gie infurmat mill-control room li kienet sehhet serqa gewwa l-Blue Bay Hotel and Apartment gewwa Triq Ponsomby, il-Gzira. Jixhed li hu u PC 1479 irrikorrew fuq il-post u nnutaw li fl-entratura fil-bieb tal-binja kien hemm pakkett zghir ta' lewn kannella mdawwar bit-tape. Jixhed li huma setghu jaraw certu Stojanovic Milos li qalilhom li kien ghadu kif dahal ragel u seraq xi flus filwaqt li heddu li kellu

bomba gol-pakkett. Izid jghid li fuq direzzjoni tieghu Stojanovic Milos xeghel alarm sabiex il-binja tigi evakwata. Jixhed li wara stenna barra ghal iktar direzzjonijiet.

Illi xehed PC 1479 Pierluigi Pace li jghid li fis-sebgha (7) ta' Jannar 2020 ghall-habta tal-ghaxra u nofs kien gie mghajjat jinzel sal-Blue Bay Hotel and Apartments gewwa Triq Ponsomby, Gzira. Jixhed li hu ra pakkett quddiem il-mejda tar-reception. Tali pakkett kien id-daqs ta' kaxxa taz-zraben imdawwar bit-tape iswed. Izid jghid li dak il-hin tkellmu mar-receptionist li spjega kif dahal ragel ikellmu b'accent Malti li talbu l-flus. Jghid li dan ir-ragel kien mghammad u kien liebes gakketta ta' lewn blu. Izid jghid li dan ir-ragel kellu sikkina f'idejh u qabel ma telaq halla pakkett warajh li allegatament kien jikkontjeni bomba u dan bl-intendiment li l-haddiem ma javza lil hadd b'dak li sehh. Jixhed li dak il-hin hu beda jevakwa l-lukanda filwaqt li kkomunika mal-kollegi tieghu sabiex jaghti deskrizzjoni tar-ragel li dahal jisraq.

Illi xehed Dr Martin Bajada li jghid li hu kien gie nominat mill-Magistrat Inkwerenti u cioè l-Magistrat Dr Josette Demicoli sabiex

inizzel filmati u stills mis-sistema tas-CCTV prezenti gewwa l-Convenience Store ta' Hal Qormi. Tali inkarigu gie redatt f'rapport immarkat bhala Dok. MB1. Jghid li kellu l-istess tip ta' inkarigu f'inkjesta ohra li kienet tinvolvi serqa mill-Iklin Pharmacy u li relazzjoni dwar din giet ipprezentata u mmarkata bhala Dok. MB2.

Illi xehed <u>**PS 1111 Braden Borg**</u> li jghid li fit-tmintax (18) ta' Jannar gie infurmat mill-Ispettur Fleri li kien hemm vettura tal-ghamla Subaru J10 bin-numru tar-registrazzjoni BBH-763 li kellha bzonn isirilha ghadd ta' ezamijiet forensici. Jghid li flimkien mal-kollega tieghu accedew fil-garaxx fejn kienet qieghda tinzamm il-vettura u jzid jghid li xoghlu kien relatat mal-fotografija tal-istess vettura. Jixhed li PC 405 ha hsieb li jeleva kwalunkwe impronti digitali. Jixhed ukoll li PS 813 Clinton Vella kien parti mill-Chemical Enhancement Unit u li beda jistabbilixxi x'oggetti seta' jeleva. Jixhed li hu ffotogrofa l-hsarat tal-vettura. Ikompli jghid li l-vettura kellha hsara fuq quddiem u cioè fil-mudguard fin-naha tax-xufier, fil-fanali kif ukoll fuq il-bumper. Jghid li dawn il-hsarat kollha jinsabu fir-rapport tieghu mmarkat bhala Dok. BB1. Izid jghid li saru anke ezamijiet ta' impronti li nstabu minn PC 405.

Illi xehed John Sacco li jghid li kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta fis-sebgha (7) ta' Jannar 2020 bhala espert tekniku sabiex jeleva filmati mis-sistema tas-CCTV rigwardanti l-allegat reat li sehh gewwa l-Blue Bay Hotel li jinstab fi Triq Ponsonby, Gzira. Jixhed li gie nominat mill-Magistrat Inkwerenti u cioè Magistrat Dr Audrey Demicoli. Izid jghid li minn zewg (2) lokazzjonijiet u nizzel tliet (3) filmati li minnhom hareg tnejn u tletin (32) stills li qeghdin elenkati fir-rapport tieghu mmarkat bhala Dok. JSX1.

Illi xehed PS 169 Jurgen Schembri li jghid li fil-hdax (11) ta' Jannar 2020 kien gie mahtur bhala espert tal-impronti digitali fl-atti tal-inkjesta li kien jirrigwarda allegat reat ta' serq gewwa l-hanut Convenience Shop li jinsab Hal Qormi. Jixhed li kien gie mghoddi d-dokument numerat 20ACH201 minn PS 586 Mario Azzopardi li kien jikkonsisti f'kaxxa tal-kartun imdawra bit-tape u li kien fiha tliet (3) kotba. Jixhed li hu wettaq ezamijiet kimici vizwali ghall-possibiltà ta' impronti digitali u fil-fatt gew zviluppati zewg (2) impronti. Tali impronti gew fotografati u gew esebiti f'dokument immarkat bhala Dok. JS1.

Illi xehed __l-Ispettur Jonathan Ransley__ li jghid li fis-sebgha (7) ta' Jannar 2020 fil-hdax u nofs ta' billejl kien gie infurmat li sar hold-up gewwa l-Blueberry Hotel li jinsab fi Triq Ponsonby gewwa l-Gzira. Jghid li waqt dan l-allegat reat tqieghdet borza li allegatament kellha bomba. Jixhed li meta nizel fuq il-post seta' jara din il-borza u waqt li kkomunikaw mal-EOD sabiex jaccedu fuq il-post hu kellem lir-receptionist li stqarr mieghu li dahal ragel b'sikkina f'idejh filwaqt li talbu l-flus mill-cash. Jghid li r-receptionist stqarr mieghu li dan ir-ragel heddu billi qallu li jekk javza lil xi hadd b'dak li gara kien ser jattiva l-bomba. Jghid li mill-analizi li wettqu l-EOD din il-borza kien fiha gebel u mhux bomba. Jghid li hu informa lill-Magistrat tal-ghassa u cioè l-Magistrat Dr Audrey Demicoli b'dan kollu u hi hatret inkjesta.

Illi xehed __PC 1285 Graham Cassar Bonaci__ li jghid li fis-sbatax (17) ta' Jannar 2020 gie rikjest mill-Ispettur Roderick Agius sabiex imur fiz-zona Tal-Hlas gewwa Hal Qormi. Jghid li meta acceda fuq il-post sab vettura tal-ghamla Mercedes Benz CDI B 200 minghajr pjanci ta' registrazzjoni u li kellha t-tieqa ta' wara tan-naha tax-xufier imkissra. Ikompli jghid li fuq il-post ha hsieb ix-xoghol ta'

fotografija u li tali ritratti gew prezentati f'rapport immarkat Dok. GCB1.

Illi xehed <u>PC 1349 Ranier Agius</u> li jghid li fiz-zmien li sehh l-allegat reat hu kien Surgent fl-RIU u li fis-sittax (16) ta' Jannar 2020 kienet dahlet telefonata tghid li kien hemm hold-up li sehh fit-tmienja ta' filghaxija gewwa l-Iklin Pharmacy. Jixhed li mar fuq il-post flimkien mal-kollegi tieghu u sabu zewg (2) nisa li kienu fi stat ta' xokk. Jixhed li huma qalulu li waqt li kellhom ix-shutter kwazi maghluq dahal wiehed ragel li kien liebes jeans, hoodie sewda u li kellu borza safra f'idejh kontenenti kaxxa tal-kartun. Izid jghid li huma qalulu li dan ir-ragel kellu xafra f'idejh. Stqarrew mieghu li hu talabhom il-flus filwaqt li waqqa' l-kaxxa mal-art. Ikompli jghid li huma stqarrew mieghu li huma tawh il-flus u minkejja li ried iktar huma ma kellhomx iktar fuqu.

Ikompli jixhed li l-involviment tieghu kien li jwettaq roadblocks fl-inhawi u biex jaghmlu tfittxija izda din irrizultat fin-negattiv. Inkontroezami jghid li ma jafx jekk il-kaxxa waqghetx bi zball jew gietx mitfughha mal-art.

Illi xehed <u>**is-Supretendent Fabian Fleri**</u> li jghid li fis-sebgha (7) ta' Jannar 2020 certa Carmen Scicluna ghamlet rapport l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi li tghid li fl-ghaxra ta' billejl kienet gewwa l-bank BOV tuza s-servizz tal-ATM meta hin minnhom dahal ragel u pprova jisraqha. Jghid li dan ir-ragel kien liebes hoodie filwaqt li kellu ghajnejh u mniehru jidhru biss. Izid jghid li hi stqarret mieghu li hu ghamel kaxxa tal-kartun hdejn il-bieb u beda jheddidha sabiex taghtih il-flus. Stqarret mieghu ukoll li ppruvat tigbed il-flus tliet (3) darbiet izda ma kellhiex fondi bizzejjed. Jghid li l-ewwel ippruvat tigbed hames mitt ewro (€500), tliet mitt ewro (€300) u mija u hamsin ewro (€150). Stqarret ukoll li dan ir-ragel kellu sikkina f'idejh u wara ftit qata' qalbu. Bhala deskrizzjoni jghid li dan ir-ragel kien ta' tul medju, irqiq, imnieher partikolari, ghajnejn skuri u kien ta' età ta' madwar erbghin (40) sena. Jghid li l-vittma ma tafx jekk giex jew telaqx b'vettura.

Ikompli jixhed li iktar tard dahlet telefonata rigward armed robbery li sehhet gewwa l-Blue Bay Hotel and Apartments li jinsab gewwa Triq Frederick Ponsonby, Gzira. Jghid li f'din l-okkazjoni dahal ragel gor-reception u filwaqt li halla kaxxa tal-kartun, dan ir-ragel hedded lill-haddiem sabiex itih il-flus inkella jisplodi l-bomba li

hemm kontenenti fil-kaxxa. Jixhed li l-haddiem kien certu Milos Stojanovic bin-numru tal-identità 195519A. Izid jghid li r-ragel kellu sikkina f'idejh u rnexxielu jiehu ammont ta' flus u harab. Jghid ukoll li hu nizel fuq il-post flimkien mal-Ispettur Lydon Zammit fejn hemmhekk ikkomunikaw mal-EOD sabiex janalizzaw il-kaxxa li thalliet hemmhekk. Jixhed li l-kaxxa fil-fatt kien fiha gebel. Jixhed ukoll li nhatret Inkjesta Magisterjali mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli. Jikkonferma li l-haddiem Milos Stojanovic kien iddeskriva lil dan ir-ragel ezatt kif iddeskriviet il-vittma precedenti u cioè Carmen Scicluna. Jixhed li meta kkumparaw il-filmati prezenti fil-lukanda ma' dawk tal-bank irrizultaw li r-ragel li dahal jisraq kien l-istess wiehed.

Izid jghid li mill-filmati kemm tal-bank BOV kif ukoll tal-lukanda setghu jikkonfermaw li r-ragel kien qieghed juza vettura tal-ghamla Subaru J10 bin-numru GBX-726 u li tali numru propjament jappartjeni lill-vettura tal-ghamla Mercedes B200 registrata fuq certu Petrov Stefan Angelov bin-numru tal-identità 115748A. Jghid li din il-vettura tal-ghamla Mercedes ma kinitx dikjarata misruqa dak iz-zmien. Jixhed li fid-disgha (9) ta' Jannar 2020 ghall-habta tal-ghaxra neqsin ghoxrin ta' filghaxija l-Pulizija giet infurmata li

kien hemm armed robbery gewwa l-Windsor Hotel li jinsab gewwa Tas-Sliema u li dan sehh bl-istess *modus operandi*. Jghid li l-vittma kien certu Bilel Amuri bin-numru tal-identità 203567A li kien qieghed jahdem bhala receptionist meta dahal certu ragel u ghal darb'ohra pogga kaxxa tal-kartun mal-art filwaqt li kellu sikkina f'idejh. Jixhed li dan ir-ragel beda jitlob ghal flus filwaqt li jheddu bil-bomba li kien hemm gol-kaxxa. Il-vittma Bilel Amuri tah mitejn ewro (€200) kontanti u ghalhekk dan ir-ragel harab minn fuq il-post. Jixhed li l-vittma hareg jigri warajh u seta' jara dan ir-ragel jitlaq tramite vettura. Jixhed li wara analizi tal-filmati d-deskrizzjoni ta' dan ir-ragel kien ezatt kif sahqu l-vittmi fis-serqiet ta' qabel. Jghid ukoll li l-kaxxa giet migbura sabiex issir iktar analizi dettaljata.

Ikompli jixhed li fl-ghaxra (10) ta' Jannar 2020 f'nofsillejl neqsin ghaxra kien gie infurmat li ragel dahal gewwa lukanda bl-isem ta' 1926 Hotel gewwa Thornton Street, Tas-Sliema sabiex jisraq. Jixhed li dan ir-ragel uza l-istess *modus operandi* u cioè li kien pogga kaxxa fuq ir-reception desk filwaqt li kellu turnavit f'idejh. Jixhed li dan ir-ragel mar fuq iz-zewg (2) haddiema prezenti u talabhom il-flus. Jghid li z-zewg (2) haddiema kienu Trenkovski

Lucio u Apilado Paul Ryan. Jixhed li xhin qamu ghalih dan ir-ragel harab mil-lukanda. Jghid li hawnhekk ukoll il-kaxxa thalliet warajh u giet elevata. Izid jghid li fil-hdax (11) ta' Jannar 2020 kienu gew infurmati li gewwa l-Convenience Shop ta' Hal Qormi dahal ragel b'kaxxa f'idejh jhedded lil Eysleen Xuereb (numru tal-identità 374802L) u Christopher Mamo Ventura (numru tal-identità 201321A) li kellu bomba u talabhom il-fus. Jixhed li minn dan l-avveniment ir-ragel ha elf u disgha u erbghin ewro (€1,049). Jixhed li nhatret Inkjesta Magisterjali u mill-investigazzjonijiet li saru rrizulta li r-ragel kien qieghed juza l-istess vettura u cioè tal-ghamla Subaru J10. Jixhed li gol-kaxxa rrizulta li kien hemm il-kotba u li fuq il-kaxxa kien hemm miktub "*Progress Press*".

Izid jghid li huma accedew gewwa l-Progress Press fejn gew infurmati li t-tali kaxxa kienet giet mormija x'aktarx go skip fil-vicinanzi tal-Imriehel. Jghid li huma u jduru dawk l-akkwati nzertaw il-karozza tal-ghamla Mercedes li r-ragel kien qieghed juza l-pjanci minnha. Jixhed li din il-vettura kienet abbandunata go ghalqa privata minghajr pjanci u kellha numru tal-mobile fuqha. Tali numru kien jappartjeni lil sid il-vettura u cioè Angel Angelov li sahaq li l-vettura kienet ilha hemmhekk minn Awwissu 2019 stante

li ma setax ihallas l-assikurazzjoni taghha. Izid jghid li l-istess Angel Angelov stqarr li l-ahhar li mar jara l-vettura kien fi zmien il-Milied 2019. Jghid li mill-investigazzjonijiet ta' filmati li kien hemm fil-vicinanzi rrizulta li fis-sebgha (7) ta' Jannar 2020 ftit tal-hin qabel l-ewwel attentat ta' serq jidher ragel jinzel mill-vettura tal-ghamla Subaru J10. Kien ghalhekk li hu u l-kollegi tieghu bdew ifittxu ghal vetturi tal-istess ghamla meta mbaghad inzerta vettura bin-numru BBH-763 li kienet irregistrata fuq isem l-akkuzat Allister Camilleri. Jghid ukoll li fis-sittax (16) ta' Jannar 2020 kienet saret armed robbery gewwa l-Iklin Pharmacy gewwa Triq Geronimo Abos, Iklin. Jghid li dakinhar kien hemm zewg (2) haddiema certu Elaine Cini u Stephanie Cassar li kienu qeghdin jghoddu l-flus filwaqt li jaghlqu l-hanut. Jixhed li dak il-hin dahal ragel minn taht ix-shutter u filwaqt li pogga kaxxa tal-kartun fuq il-counter heddidhom li jekk ma jtuhx il-flus li kellhom allura kien ser jattiva l-bomba li kien hemm fil-kaxxa. Izid jghid li fil-fatt ha l-ammont ta' disa' mija u sbatax-il ewro (€917). Jghid ukoll li z-zewg (2) vittmi ddeskrivew ir-ragel bhala persuna madwar erbghin (40) sena, pallidu, madwar hames piedi u tmien pulzieri, fartas, irqiq u kien liebes jeans ta' lewn blu kif ukoll hoodie ta' kulur iswed. Jghid li stqarrew li f'rasu kien liebes ski-mask.

Ikompli jghidli l-Ispettur Roderick Spiteri informa lill-Magistrat tal-Ghassa cioè l-Magistrat Dr Josette Demicoli li ordnat li ssir inkjesta u nhatru diversi esperti. Jghid li mill-investigazzjonijiet li saru rrizultalu li regghet intuzat vettura tal-ghamla Subaru J10 filwaqt li l-kaxxa li thalliet fix-xena ta' fejn sar l-allegat reat kienet tappartjeni lil Sterling Jewellers. Izid jghid li rrizultalu li din il-kaxxa kienet intremiet gewwa skip fl-Imriehel u vicin warehouse li tappartjeni lill-istess Sterling Jewellers. Jghid li minn filmati ta' cameras fil-vicinanzi rrizultalu li nizlet persuna minn vettura tal-ghamla Subaru J10 u gabret kaxxa minn go dan l-iskip. Bid-deskrizzjoni li kellhom tal-vettura, l-investigazzjoni waslitu sabiex jarrestaw lill-akkuzat Allister Camilleri stante li l-vettura kienet ipparkjata quddiem ir-residenza tal-eks siehba tal-akkuzat.

Ikompli jghid li l-arrest sehh fit-tmintax (18) ta' Jannar 2020 gewwa Our Lady of Sorrows Street, Hamrun. Jixhed li l-akkuzat inghata kopja tal-mandat filwaqt li kienet saret tfittxija fil-vettura tieghu. Jixhed li l-vettura ttiehdet mis-sezzjoni tal-forensika sabiex iqabblu l-vettura mal-filmati li kienu gabru. Izid jghid li gew elevati numru ta' oggetti minn gol-vettura. Ikompli jghid li l-akkuzat inghatawlu d-drittijiet tieghu skont il-ligi u ttihdulu zewg

(2) stqarrijiet fejn hu cahad kompletament l-involviment tieghu. Kien ghalhekk li fl-ghoxrin (20) ta' Jannar l-akkuza Allister Camilleri tressaq il-Qorti.

Illi rega' xehed **is-Supretendent Fabian Fleri** li pprezenta mobile li ttiehed minn fuq il-persuna tal-akkuzat Allister Camilleri dakinhar li gie arrestat issiggillat f'borza tal-evidenza bin-numru B000956136. Tali esebit gie mmarkat bhala Dok. FFX.

Illi xehdet **id-Deputat Registratur Benjamina Mifsud** li tghid li ma sarux appelli mis-sentenzi esebiti u mmarkati Dok. FF2 u Dok. FF3 fl-atti processwali.

Illi rega' xehed **Dr Martin Bajada** li jghid li hu gie nominat minn din il-Qorti fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju fis-sena 2021 sabiex johrog il-kontenut minn fuq cellulari li jappartjeni lill-akkuzat u li gie esebit fl-atti processwali. Jixhed li wara li kkomunika mal-avukat difensur tal-akkuzat hu rnexxielu jaccessa l-mobile u pprezenta rapport li hu mmarkat bhala Dok. MB1.

Illi xehed <u>PC 405 Jason Schembri</u> li jghid li hu kien stazzjonat fis-sezzjoni tal-forensika fis-sbatax (17) ta' Jannar 2020 meta fl-erbgha u nofs ta' filghaxija hu flimkien ma' PC 1258 Graham Cassar Bonaci kienu gew infurmat mill-Ispettur Agius sabiex jaccedu gewwa Triq tal-Hlas, Hal Qormi stante li kien hemm vettura li kienet parti minn investigazzjoni. Jghid li xoghlu kien li jdur tali vettura ghal kwalunkwe impronti kif ukoll sabiex jittiehdu ritratti taghha. Jixhed li hu ha hsieb ix-xoghol tal-impronti. Tali impronti gew ipprezentati f'rapport immarkat bhala Dok. JS1.

Illi xehdet <u>Dr Yanika Zammit Tabona</u> li tghid li fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar 2020 kienet inhatret sabiex taghmel traskrizzjoni tal-istqarrija tal-akkuzat Allister Camilleri. Tali traskrizzjoni giet ipprezentata u mmarkata bhala Dok. YZT.

Illi xehed <u>PS 844 Carl Micallef</u> li jghid li fl-ghaxra (10) ta' Jannar 2020 gie infurmat mill-Ispettur Colin Sheldon rigward kaz ta' attentat ta' serq li sehh dakinhar. Jixhed li l-ghada fil-hdax (11) ta' Jannar 2020 hu gie mghoddi kaxxa mdawra bit-tape tal-plastic mill-Pulizija Kevin Matthew Decelis. Ikompli jghid li minn ezamijiet

kimici rnexxielu johrog zewg (2) impronti li gew fotografati u pprezentati f'rapport immarkat bhala Dok. CM1.

Illi xehed <u>Joseph Mallia</u> li gie inkarigat fis-seduta datata tnejn (2) ta' Settembru 2021 sabiex jiehu kopja tal-impronti u l-marki tal-pala tal-idejn tal-akkuzat Allister Camilleri u sabiex jiehu diversi impronti digitali li gew prezentati matul dawn il-proceduri bl-intendiment li jikkumparahom. Jixhed li d-dokument numru 306 kien jaqbel mas-subgha tan-nofs u s-subgha l-werrej ta' id ix-xellugija tal-akkuzat, id-dokument numru 309 kien jaqbel mas-subgha l-werrej ta' id ix-xellugija tal-akkuzat, id-dokument numru ADHCPPS1 kien jaqbel pozittivament mas-subgha l-werrej tal-id il-leminija tal-akkuzat. Jghid ukoll li dan kollu gie redatt f'rapport ipprezentat u mmarkat bhala Dok. JM1.

Illi rega' xehed <u>Joseph Mallia</u> li jghid li kien gie awtorizzat minn din il-Qorti sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti mmarkati A28CECMP1 u 28CEMP2. Jixhed li kif kien qieghed jezaminahom innota li l-impronti esebiti ma kienx fihom bizzejjed punti sabiex wiehed jasla ghal konkluzjoni definittiva.

Illi rega' xehed **Ljupcho Trenkovski** inkontroezami li jghid li llum il-gurnnata li hu m'ghadux jahdem gewwa l-lukanda 1926 Hotel. Jixhed li l-allegat reat sehh f'madwar zewg (2) minuti. Jikkonferma li l-aggressur li dahal gol-lukanda kellu xafra twila madwar hmistax jew ghoxrin centimetri. Jghid li dak il-hin hu haseb li dan l-incident ma kien xejn ghajr cajta bejn il-kollega tax-xoghol u habib tieghu. Jixhed li nduna li din ma kinitx cajta stante li r-ragel kellu xafra u l-kollega tieghu kien qieghed jibza'. Jghid li ma setax jaghraf lir-ragel stante li kien liebes maskra u hoodie.

Illi rega' xehed **Paul Ryan Apilado** inkontroezami li jghid li xoghlu gol-lukanda kien dak ta' receptionist u li l-allegat reat sehh f'inqas minn hames (5) minuti. Jixhed li hu kien qieghed izomm kalm meta gie r-ragel jitolbu l-flus b'sikkina f'idejh izda fil-verità hu kien anzjuz u bezghan.

Illi regghet xehdet **Carmen Scicluna** inkontroezami li tghid li l-allegat incident sehh f'madwar erba' (4) minuti u li r-ragel li dahal fuqha biex jisraqha kellu mus f'idejh. Tikkonferma li r-ragel waddab il-kaxxa kontenenti bomba mal-art. Tikkonferma li hi rat

l-ghajnejn u l-imnieher ta' dan l-individwu. Tghid li hi gharfet lill-akkuzat tramite sett ta' disa '(9) ritratti li wrewlha l-Pulizija. Tixhed li hi qatt ma kellha esperjenzi ma' bombi u ghalhekk meta giet mhedda b'bomba hi kienet imwerwra.

Illi regghet xehdet **Stephanie Cassar** inkontroezami li tghid li tikkonferma li kienet tahdem fl-ispizerija tal-Iklin flimkien ma' Elaine Cini. Tixhed li l-allegat incident dam ftit hin. Tikkonferma li r-ragel li dahal gol-ispizerija kellu mus f'id minnhom u kaxxa fl-id l-ohra li kienet mghottija go borza. Tghid li hi kienet iffukata fuq dawk iz-zewg (2) affarijiet u mhux fuq wicc l-indivdwu izda tiftakar li kellu hoodie jghattilu wiccu u mhux maskra.

Illi regghet xehdet **Elaine Cini** li tghid li kienet hdejn Stephanie Cassar meta sehh l-allegat reat. Tixhed li l-incident kien dam ftit sekondi. Tixhed li hi kienet qieghda tiffoka fuq il-mus f'id ir-ragel li dahal gol-hanut kif ukoll fuq wiccu. Tikkonferma li kienet fi stat ta' xokk. Tixhed li l-individwu kien liebes hoodie u li l-Pulizija kienu wrewlha sett ta' ritratti li minnhom gharfet lill-akkuzat Allister Camilleri bhala l-individwu li dahal gol-hanut. Tghid li l-

hoodie kien ta' lewn skur izda ma tistax tkun certa stante li ghaddew sentejn (2) mill-akkadut.

Illi xehdet **Ufficjal tal-Probation Anabel Bugeja** li tghid li ilha ssegwi lill-akkuzat Allister Camiller rigward il-kaz *de quo* mis-sena 2020. Tixhed li dejjem kien hemm kooperazzjoni da parti tieghu u fil-bidu tal-osservazzjoni taghha l-attitudni tieghu kienet wahda tajba hafna. Izzid tghid li lejn l-ahhar l-akkuzat safa vittma ta' *relapsing* izda kien lest li jindirizza din il-problem dana li sahansitra anke kien dahal minn jeddu gewwa l-Isptar Mount Carmel sabiex ikollu kuntatt mas-Sedqa. Tixhed ukoll li l-akkuzat jixtiequ jidhol go programm residenzjali.

Illi xehed **Carl Mercieca** inrapprezentanza tas-Sedqa li jghid li huwa haddiem socjali fi hdan l-Agenzija Sedqa. Jixhed li ilu jsegwi lill-akkuzat minn Frar tas-sena 2023 kif ukoll f'xi snin qabel. Jghid li l-akkuzat kien avvicina s-Sedqa f'Dicembru ta' 2022 stante li kien rega' waqa' fil-vizzju tad-drogi u l-kaz tieghu gie allokat lilu fi Frar tas-sena 2023. Izid jghid li f'Marzu tas-sena 2023 l-akkuzat wera x-xewqa li jibda l-programm residenzjali u fil-fatt jikkonferma li

saret referral ghal programm u li l-akkuzat seta' jibda l-programm fit-tlettax (13) ta' Gunju tas-sena 2023 izda dan kien ser ikun impossibbli stante l-proceduri tal-kaz odjern. Jghid li hu kien gie mgharraf bl-akkuzi tramite telefonata mal-Ispettur u ma kienx jaf li l-kaz jinvolvi akkuzi gravi. Izid jghid li f'kazijiet ingenerali jekk tinghata sentenza karcerarja kontra persuna li qieghed jaffacja l-istess tip ta' problemi li qieghed jaffaccja l-akkuzat allura tali piena se tkun qieghda taghmel iktar hsara milli gid. Jixhed li ghalhekk il-programm ta' Santa Marija huwa vijabbli ghall-akkuzat izda dan jiddependi mill-ezitu ta' dawn il-proceduri.

Ikompli jixhed li l-programm residenzjali ghandu tul ta' erbatax (14)-il xahar li hu maqsum fi tliet fazijiet: xahrejn, sitt xhur u sitt xhur. Jixhed li fil-kaz tal-akkuzat ikollu bzonn jistenna l-ezitu tas-sentenza qabel ma tittiehed decizjoni mill-Bord a rigward jekk l-akkuzat ghandux jiddahhal f'programm jew le.

Illi regghet xehdet inkontroezami <u>**Karen Cremona**</u> inrapprezentanza ta' Transport Malta li tghid li Peter Angelo kien ghamel dikjarazzjoni li l-pjanci tal-vettura tal-ghamla Mercedes

bin-numru GBX-726 huma mitlufin. Tali dikjarazzjoni gietipprezentata u mmarkata bhala Dok. KC2.

Illi rega' xehed <u>**PS 1337 Kevin Curmi**</u> inkontroezami li jghid li hu kien involut fl-arrest tal-akkuzat Allister Camilleri. Jixhed li l-akkuzat kien wahdu fil-karozza meta gie arrestat u li t-tfittxija fir-residenza ta' missieru kienet saret fl-istess gurnata u fil-prezenza tal-istess akkuzat. Jikkonferma li fil-karozza kien sab kaxxa simili ghal kaxex li kienu nstabu fix-xeni fejn sehhew l-allegati serqiet.

<u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Emad** Masoud</u> (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr*

*dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla) (Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak*

*li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li hemm prova tangibbli u konkreta li l-maggior parti tar-reati gew kommessi mill-imputat odjern. Dan

ghaliex din il-Qorti tinnota l-fatt li x-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni kollha ghandhom verzjonijiet li jikkorroboraw ma' xulxin u li fl-ahhar mill-ahhar iqieghdu lill-imputat fuq il-postijiet fejn sehhew ir-reati addebitati lilu.

Illi però l-Qorti tinnota li whud mill-provi li l-prosekuzzjoni ressqet fil-fatt ma taw l-ebda ezitu. Referenza qieghda ssir ghar-rapport maghmul mill-espert Joseph Mallia li kkonkluda li fuq numru ta' oggetti li gew elevati mill-prosekuzzjoni ma setax johrog rizultat meta gie inkarigat biex iqabbel l-impronti digitali tal-akkuzat ma' dawk fuq l-istess oggetti.

Illi l-Qorti tqis li huwa ormaj ben risaput anke tramite diversi sentenzi[1] tal-Qrati nostrani li analizi retta ta' kwalunke evidenza cirkostanzjali hija krucjali biex twassal lill-Qorti sabiex issib htija o meno.

## IKKUNSIDRAT

[1] *Repubblika ta' Malta vs George Spiteri* deciza fil-5 ta' Lulju 2002 mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) u *Pulizija vs Cyrus Engerer* deciza fit-8 ta' Mejju 2014 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)

Illi din il-Qorti tqis li x-xhieda moghtija mid-diversi vittmi huma krucjali fis-sens li kollha kemm huma jikkorroboraw ma' xulxin kemm ghal dak li ghandu x'jaqsam maz-zmien li fih sehhew l-allegati reati kif ukoll dwar il-*modus operandi* ta' kif l-akkuzat kien jikkommetti s-serqiet.

Illi l-akkuza li tressqet mill-prosekuzzjoni fil-konfront ta' Allister Camilleri hi dik ta' serq aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-hin. Referenza partikolari ssir ghall-Artikolu 277(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *"Meta s-serq ikkwalifikat bil-"vjolenza" skont l-artikoli 274, 275 jew 276, ikun akkumpanjat b'wahda jew izjed mill-kwalifiki l-ohra msemmijin fl-artikolu 261, l-akkuzat, meta jinsab hati, jehel*
>
> > *b. jekk dan is-serq ikun akkumpanjat bil-kwalifika tal-"mezz", sew jekk ma' kwalifiki ohra kemm minghajrhom, il-piena msemmija fl-artikoli 274, 275, 276 jew 276A mizjuda bi grad jew tnejn"*

Illi kif digà nghad qabel il-vittmi kollha indikaw il-*modus operandi* ta' kif kien jopera l-akkuzat. F'kull serqa l-akkuzat kien jidhol jisraq kien li jissekwestra l-haddiema li kien jinzerta filwaqt li sahansitra anke jheddidhom b'hajjithom. Ghar-rigward il-metodu tal-isekwestrar, dan kien isehh tramite l-uzu ta' arma b'ponta (cioè sikkina) kif ukoll b'bomba.

Illi ghalkemm il-*modus operandi* huwa certament l-istess f'kull serqa madanakollu mhux bizzejjed prova jekk l-akkuzat kienx hu stess li wettaq is-serqiet u dan stante li hareg mill-fatti li f'kull serqa l-aggressur kien mghammad u kwindi mhux identifikabbli b'mod konkret. Fuq dan il-punt però referenza qieghda ssir ghax-xhieda moghtija minn Elaine Cini u Carmen Scicluna. Dawn ix-xhieda gharfu lill-akkuzat Allister Camilleri bhala l-persuna li dahal jisraq u dan ghal diversi ragunijiet fosthom li seta' jintgharaf minn sett ta' ritratti li sehhet gewwa l-Ghassa tal-Pulizija[2].

Illi fuq dan l-ahhar punt id-difiza kkontesta l-validità tal-identifikazzjoni tal-akkuzat tramite t-turija t'ghadd ta' ritratti fis-

[2] Fol 90 tal-atti processwali

sottomissjonijiet taghha u ghalhekk referenza qieghda ssir ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***The Police vs Abdiwali Ahmed Ali et*** deciza fit-tnax (12) ta' Lulju 2021 fejn intqal hekk:

*"Defence Counsel for the accused Abdiwali Ahmed Ali placed particular emphasis as to whether any identification parade was held in so far as concerns the identification of the persons allegedly involved in the theft of which Ozgur Sair Oskaya was a victim. Quite evidently, Defence Counsel is trying to weaken the implications of the recognition by Ozgur Sair Oskaya of the mentioned accused as one of the persons involved in the theft. In this regard however the Court makes reference to the judgement in the names **Il-Pulizija v. Massimo Caruso**, delivered by the Court of Criminal Appeal on the 17th March 2008, wherein that Court observed that: dwar il-process ta' identifikazzjoni, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza Il-Pulizija v. Stephen Zammit, deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235) qalet li: "Il-ligi taghna hi partikolarment skarsa dwar regoli li ghandhom x'jaqsmu ma' l-*

*identifikazzjoni ta' imputat jew akkuzat. Infatti, l-unika disposizzjoni tal-Ligi in materja - l-Artikolu 648 tal-Kodici Kriminali - hi redatta fin-negattiv, fis-sens li tghid x'mhux mehtieg u mhux x'inhu mehtieg". Dik id-disposizzjoni tipprovdi testwalment hekk: "Biex issir il-prova ta' l-identità ta' persuna li ghandha tigi maghrufa jew ta' oggett li ghandu jingieb bhala prova, mhux mehtieg, bhala regola, li x-xhud jaghraf dik il-persuna minn fost persuni ohra, jew dak l-oggett minn qalb ohrjan bhalu, hlief meta l-Qorti, f'xi kaz partikolari, ikun jidhrilha xieraq taghmel dan ghall-finijiet tal-gustizzja".*

*Dik l-istess Qorti ezaminat fid-dettal din il-kwistjoni, u billi huwa rilevanti ghall-kaz odjern se jigi kkwotat in extenso. Hija fil-fatt qalet: "Minn din id-disposizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx jxekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-disposizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti; meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti,*

*bhal, per ezempju, fl-Ghassa tal-Pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati, specjalment f'dawk li jissejhu identification parades; dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-gudikant tal-fatt ikun jista' jserrag mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni. Fl-Ingilterra hafna minn dawn ir-regoli huma llum inkluzi fil-Code of Practice D taht il-Police and Criminal Evidence Act, 1984. S'intendi dawn ir-regoli mhumiex applikabbli ghal Malta, izda xi whud minnhom huma utili hafna ghax ighinu biex jizguraw dak li nghad aktar 'il fuq, u cioè l-attendibilità ta' l-identifikazzjoni. Hekk, per ezempju, wahda minn dawn ir-regoli hi li meta ikun hemm aktar minn xhud wiehed u dawna jkunu ser jintwerew xi ritratti, 'only one witness shall be shown photographs at any one time' (para.2, Annex D) u dan bl-iskop ovvju li xhud ma jkunx jista'*

*jinfluwenza lix-xhud l-iehor. Ix-xhud ghandu jigi muri numru sostanzjali ta' ritratti, mhux semplicement wiehed jew tnejn, u 'he shall not be prompted or guided in any way but shall be left to make any selection without help' (para. 4). Ir-ritratti hekk uzati, u specjalment dak li talvolta x-xhud ikun indika bhala li jirrapprezenta lill-persuna li qed jidentifika, ghandhom jigu ppreservati biex jekk ikun il-kaz, jigu esebiti fil-Qorti. Kwantu ghal identification parades dawn ir-regoli jipprovdu, fost hwejjeg ohra li: 'The parade shall consist of at least eight persons (in addition to the suspect) who so far as possible resemble the suspect in age, height, general appearance and position in life …'.*

*Jerga jigi ribadit li n-non-osservanza ta' dawn ir-regoli ma jwassalx għall-inammissibilità tal-prova ta' l-identifikazzjoni; ikun ifisser biss li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dik l-identifikazzjoni tista' ma tkunx attendibbli bizzejjed. Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat bhala li hemm xi regola generali li xhieda okulari (eye-witness testimony) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli. Kif fisser Chief*

*Justice Miles fis-Supreme Court of the Australian Capital Territory fil-kawza Sharrett v. Gill (1993) 65 A Crim R.:'... I am unaware of any authority in this country or elsewhere ... that lays down a general principle that all eye-witness testimony is subject to weaknesses and dangers. It would be surprising if there were such a principle. Of course, everybody knows that everybody else has human failings with regard to such matters as observation, interpretation, recollection and articulateness and such failings are assumed to be taken into account in most cases by the tribunal of fact unless there is some particular need for the fact-finder to refer to or to be referred to some aspect of the case where such failings are relevant. The highest judicial authorities emphasise that, in jury trials, cases of disputed identification require express and precise reference to these human failings ... and this principle has been extended to trials without a jury. However, it is hard to imagine life where people are not able to act safely and sensibly upon their observations of what they see and hear, and even upon their identification of fellow human beings by such observations. The ability to distinguish one human*

*being from another and to recognise a person as one previously encountered are surely basic skills indispensable to social existence, and skills well-acquired at an early age. What the lawyers call identification is essentially no different from what is generally known as recognition'.*

*Fi kliem iehor huwa biss f'certu kazijiet li tista' verament tqum il-kwistjoni ta' l-attendibilità ta' identification evidence. Il-kaz klassiku fl-Ingilterra huwa dak ta' Turnbull (1977) QB 224, fejn il-Qorti esprimiet ruhha hekk:'First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such*

*witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words. Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? ... Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made. All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is*

*good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger' (ara Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1991; Archbold, 1997, pagni 1255-1256)"".*

*Kif osservat ukoll din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta v. Giuseppe sive Joseph Cassar" moghtija fit-22 ta' Marzu 1988 (Vol. LXXII.v.868), "skond il-ligi taghna ghall-identifikazzjoni ta' l-akkuza mhux necessarja identification parade". Hija qalet: "Dan il-punt gie trattat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) per W. Harding fil-kawza "Il-Pulizija v. Leading Steward Victor Dalmas" deciza fit-13 ta' Mejju 1961 (Vol. XLV.iv.963), fejn waqt li gie ribadit dak li ghadu kif inghad fuq dan l-artikolu dik il-Qorti qalet ukoll: "Hu certament desiderabbli li l-identifikazzjoni ssir bla ma dak li jkun imsejjah biex jidentifika jigi b'xi mod, anki involontarjament, suggestjonat, u hi nota l-prattika irrakkomandata f'certi kazijiet, fis-sens li f'identifikazzjoni simili, meta jkun jehtieg, jingabru xi persuni, più o meno*

*ta' l-istess età u klassi socjali tad-detenut, li jkun jista' jiehu post fejn irid fosthom".*

*…*

*The fact that Ozgur Siar Oskaya is the only person who has identified the accused Abdiwali Ahmed Ali as one of the perpetrators of the theft to which he fell victim, too does not diminish the value of his testimony and identification and this as is clearly set out in Section 638 (1) and (2) of Chapter 9 of the Laws of Malta which provide that: (1) In general, care must be taken to produce the fullest and most satisfactory proof available, and not to omit the production of any important witness. (2) Nevertheless, in all cases, the testimony of one witness if believed by those who have to judge of the fact shall be sufficient to constitute proof thereof, in as full and ample a manner as if the fact had been proved by two or more witnesses."*

Illi fil-kaz *de quo* l-prosekuzzjoni gustament hasset il-bzonn li stante l-fatt li l-aggressur kien mghammad allura wiehed mill-modi sabiex jippruvaw il-kaz taghhom kien tramite t-turija ta' sett ta' ritratti. Irrizultalhom li whud mill-vittmi gharfu lill-akkuzat tramite din il-procedura ta' investigazzjoni tant li xehdu dwar dan il-fatt[3]. Ghandu jinghad li l-procedura ta' kif il-prosekuzzjoni dderigiet din l-identifikazzjoni kien b'mod korrett tant li jekk wiehed ihares lejn fol. 90 tal-atti processwali ghandu jigi nnutat li r-ritratti huma kollha *più o meno* identici ghal xulxin u dan bl-intendiment li l-akkuzat (jew dak il-hin is-suspettat) ma jkunx ippregudikat.

Illi oltre minn hekk ghandu jinghad li fl-allegat serqa tal-ispizerija gewwa l-Iklin ir-raguni ghalfejn Stephanie Cassar m'gharfitx lill-akkuzat stante li bi kliemha stess kienet iktar iffukata fuq is-sikkina f'id l-akkuzat. Min-naha l-ohra l-vittma Elaine Cini kellha bizzejjed hin sabiex tanalizza lill-istess akkuzat u l-ftit fattizji ta' wiccu.

[3] Referenza qieghda ssir ghax-xhieda moghtija minn Carmen Scicluna kif ukoll minn Elaine Cini

Illi ghalhekk mill-fatti li ghandha quddiema, din il-Qorti hija sodisfatta u ssib serhan il-mohh li tghid li kien di fatti l-akkuzat Allister Camilleri li wettaq l-allegati reati inkwantu ghad-diversi okkazjonijiet ta' serq kif dettat mill-Artikolu 277(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi huwa minnu li hemm diversi xhieda bhal fosthom Bilel Amuri u Ljupcho Trenkovski li m'gharfux lill-akkuzat. Fuq dan il-punt referenza qieghda ssir ghall-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali:

> *"B'dan kollu, f'kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar."*

Illi kif digà gie ssenjalat, il-fatt li xhieda ohra gharfu lill-akkuzat jaghti konfort lil din il-Qorti sabiex tistrieh fuq l-artikolu kkwotat maghdud ukoll mal-fatt li l-akkuzat dejjem uza l-istess *modus operandi* ta' kif s-serqiet sehhew.

Illi di più ghandu jigi nnotat ukoll li prova krucjali li pprezentat il-prosekuzzjoni kienet ix-xhieda dettaljata tal-PC 1087 Roderick Degiorgio fejn tramite r-rapport tieghu Dok. RD1 spjega bic-car il-fatt li l-akkuzat seta' jintgharaf mill-filmati stante li kien liebes il-hwejjeg li nstabu fit-tfittxija li sehhet fit-tmintax (18) ta' Jannar 2020.

Illi fir-rigward tal-allegat serq tan-numru tar-registrazzjoni GBX-726 minn fuq vettura tal-ghamla Mercedes jinghad li l-prosekuzzjoni sfortunatament kellha biss f'idejha filmat li juri ragel fil-vicinanzi tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBX-726. Il-Qorti tqis li kien ikun ferm iktar b'sahhtu dan il-filmat li kieku kien hemm rizultati pozittivi fl-analizi tal-impronti digitali jew inkella xhieda okulari ghall-allegat akkadut.

Illi *di più* referenza qieghda ssir ghas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Charlot Calleja*** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-erbatax (14) ta' Dicembru tas-sena 2023:

*"Illi fir-rigward ta' dak sollevat fit-tieni aggravju, din il-Qorti taqbel mad-dottrina u gurisprudenza assodata li ma jintegrax ir-reat ta' serq meta xi hadd japproprja ruhu minn res nullius jew res derelictae. Jekk persuna tapproprja ruhha minn oggett li jkun instab f'cirkostanzi li juru li dak l-oggett kien abbandunat minn sidu ma jistax jitqies li jkun twettaq ir-reat tas-serq. Minkejja dan, jekk fil-mument tal-att ta' approprjazzjoni c-cirkostanzi juru li l-oggett ikun res aliena u ghalhekk li jkun hemm persuna li tkun ghadha tippossjedi dan l-oggett f'dak il-mument, allura l-persuna li tapproprja ruhha minn dan l-oggett mhux taghha, minghajr dritt fuqu u minghajr il-kunsens tal-persuna li tkun tippossjedih, tikkommetti s-serq tal-istess oggett.*

*Illi biex l-oggett ikun jista' jitqies li huwa res derelictae dan l-oggett irid jinstab f'cirkostanzi tali li juru b'mod li sidu intenzjonalment ma riedx aktar li dan l-oggett jibqa' fil-partimonju tieghu u b'hekk ikun abbandunah b'mod inekwivokabbli u irrevokabbli. Jekk minhabba l-post fejn ikun jinstab oggett jew minhabba l-qaghda u l-*

*kondizzjoni tieghu, wiehed jista' jifhem li dan l-oggett ma kienx abbandunat, izda li jista' jkun hemm xi hadd li jkun ghadu, b'xi mod, jippossjedih jew li ghandu l-kontroll fuqu, u persuna li ma jkollhiex jedd ghal dak l-oggett tapproprja ruhha minnu, din tkun passibbli ghar-reat tas-serq. Biex din il-persuna tkun tista' teskolpa ruhha mir-responsabilita' ghar-reat ta' serq ta' dan l-oggett, hi trid turi li c-cirkostanzi genwinament geghluha temmen li l-oggett li kienet approprjat ruhha minnu kien abbandunat minn sidu jew li kien oggett ma jappartjeni lil hadd.*

*Illi biex oggett jitqies li jkun abbandunat u li ghalhekk ma hu ta' hadd, irid jintwera li l-oggett kien ġie abbandunat minn sidu b'mod li c-cirkostanzi jkunu juru li sidu nehha minn idejh il-pussess tal-oggett u li jkun irrinunzja ghall-jedd ta' sid fuq l-istess oggett. Jekk dawn ic-cirkostanzi ma jirrizultawx allura jkun jista' jikkonfigura r-reat ta' serq. Dan peress li l-element formali fir-reat tas-serq jehtieg l-gharfien tal-agent li japproprja ruhu, ossia jikkontretta dolozament il-proprjeta ta' haddiehor. Huwa biss l-izball genwin li jista' jitnissel meta c-cirkostanzi*

*jkunu juru, b'mod car u inekwivokabbli li l-oggett kien abbandunat minn sidu jew li l-oggett kien jappartjeni lilu, li din l-intenzjoni ma titqiesx integrata. Ezempju li juri meta jista' jkun hemm dan l-izball genwin huwa meta l-oggett ma jittehidtx bil-mohbi, jew inkella meta dak li jkun ma jippruvax jahbi li huwa ha dak l-oggett.*

*Illi jkun opportun li ssir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Gianluca Carabott*** *(Numru 205/2019) moghtija fit-23 ta' Gunju 2020 minn din il-Qorti diversament preseduta li ghamlet riferenza ghas-sentenza moghtija fit-30 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Patrick Xuereb et*** *fejn inghad hekk:*

> *"Hu pacifiku fil-gurisprudenza li min isib oggetti f'post pubbliku f'cirkostanzi tali li wiehed jista' jifhem li dawk l-oggetti mhumiex abbandunati u japproprja ruhu minnhom, jikkommetti serq.""*

Illi fuq dan l-ahhar punt il-prosekuzzjoni stess tramite x-xhieda moghtija mill-Ispettur Lydon Zammit u s-Supretendent Fabian Fleri sahqu li l-vettura tal-ghamla Mercedes kienet fi stat ta' abbandun. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tabbraccja dan ir-ragunament tal-Qorti tal-Appell u taghmlu taghha.

Illi ghalhekk a bazi tas-suespost din il-Qorti thossha komda li ssib htija fuq l-ewwel (1), it-tieni (2), il-hames (5), is-sitt (6), id-disa' (9), l-ghaxar (10), it-tlettax (13), is-sbatax (17), it-tmintax (18), il-wiehed u ghoxrin (21) u t-tnejn u ghoxrin akkuzi (22) kif dedotti kontrih.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi rigward ir-reat kif kontemplati taht l-artikoli relevanti tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tinnota li gie ppruvat minn diversi xhieda tal-vittmi li l-akkuzat kien jinqeda b'sikkina sabiex jakkwista dak li xtaq u cioè l-qligh monetarju u dan possibilment biex jissodisfa l-vizzju tad-droga li gie ppruvat li dan kellu. Maghdud ma' dan rrizulta li giet elevata sikkina minn PS

1337 Kevin Curmi meta saret tfittxija fil-vettura tal-istess imputat fit-tmintax (18) ta' Jannar 2020[4].

Illi jirrizulta bic-car li tali sikkina nstabet fil-pussess tal-akkuzat filwaqt li kienet intuzat diversi drabi sabiex jigu kommessi r-reati allegati. Ghalhekk il-Qorti sejra ssib htija fuq it-tielet (3), is-seba' (7), il-hdax (11), il-hmistax (15), id-dsatax (19) u t-tlieta u ghoxrin (23) akkuzi kif dedotti kontra l-istess Allister Camilleri.

## IKKUNSIDRAT

Illi l-imputat gie akkuzat bir-reat kif stipulat mill-Artikolu 32(5) tal-Ligi Sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *"Ebda pjanci ma ghandhom jitwahhlu ma' vettura bil-mutur jekk dawk il-pjanci ma jkunux inhargu mill-Awtorità u jekk dawk il-pjanci ma jkunux jirriferu jew jappartjenu ghal dik il-vettura partikolari."*

[4] Referenza qieghda ssir ghal Dok KC1.

Illi l-Qorti tqis li hemm bizzejjed provi sabiex jissustixxi dan ir-reat li bih huwa addebitat l-akkuzat. Qabel xejn referenza qieghda ssir ghax-xhieda moghtija mir-rapprezentanti tat-Transport Malta Brian Farrugia u Karen Cremona li t-tnejn li huma kkonfermaw li l-pjanca GBX-726 tappartjeni ghal vettura li ma hiex tal-ghamla Subaru J10 u cioè l-vettura li kien qieghed juza l-imputat.

Illi maghdud ma' dan il-Qorti tissenjala li matul dawn il-proceduri gie kkonfermat minn diversi xhieda fosthom anke l-espert mahtur Dr Mario Buttigieg li kkonfermaw il-prezenza ta' tie-clips. Tali tie-clips mhux biss instabu gol-vettura meta gie arrestat l-akkuzat izda sahansitra anke mal-pjanci tal-vettura u dan hekk kif ikkonkluda l-istess Dr Mario Buttigieg a fol. 638 tal-atti processwali:

> *"11. Intant meta kien qed jezamina l-vettura osserva li kien hemm parti minn tie clip li aktarx kien qed izomm xi numru tar-registrazzjoni ohra. Dan jindika li aktarx jista' jkun li s-sewwieq kien qed jaghmel uzu minn numru tar-registrazzjoni li ma kienitx allokata ghal fuq din il-vettura."*

Illi dawn il-fatti kollha jwasslu lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li kien l-imputat li wahhal il-pjanci mal-vettura u dan tramite l-uzu ta' tie-clips. Ghalhekk tqis li din l-akkuza hija bhala pruvata oltre l-ombra tad-dubju.

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll bir-recidiva taht l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad li din giet ippruvata permezz ta' sentenzi pprezentati u mmarkati Dok. FF2 u Dok. FF3 liema sentenzi gew ikkonfermati li saru *res judicata* u dan skont ix-xhieda moghtija mid-Deputat Registratur Benjamina Mifsud. Referenza qieghda ssir ghall-Artikolu 49(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

> *"Dokument ghandu jitqies li hu debitament awtentikat jekk wahda minn dawn il-kondizzjonijiet li gejjin tapplika:*
>
> > *(a) jekk jidher li hu ffirmat minn imhallef, magistrat jew ufficjal tal-Istat fejn tkun inghatat is-sentenza; jew*

*(b) jekk jidher li hu ċċertifikat mill-Ministeru, dipartiment jew awtorità oħra responsabbli għall-ġustizzja jew għall-affarijiet barranin tal-Istat fejn tkun ingħatat is-sentenza, sew jekk ikun b'siġill u sew jekk le; jew*

***(c) jekk jidher li hu awtentikat b'ġurament, stqarrija jew affermazzjoni ta' xhud.***[5]"

Illi dawn is-sentenzi ġew konfermati mill-istess xhud bil-ġurament tagħha. Stante l-fatt li s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sbatax (17) ta' Frar 2010 kien għadu fit-terminu kif stipulat mill-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali u stante l-fatt ukoll li l-akkuzat kien ġie kkunndannat għal piena ta' prigunerija ta' erba' (4) snin, din il-Qorti sejra tirrifletti l-aggravju tar-reċidiviżmu fil-piena li sejra tagħti.

## IKKUNSIDRAT

[5] Emfazi tal-Qorti

Illi ghar-rigward ir-reat kif kontemplat fl-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali din il-Qorti tishaq li kull ma gie pprezentat huma l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest. Il-Qorti ssostni però li konferma minn membru tal-Korp tal-Pulizija mhix bizzejjed saiex dan ir-reat jissustixxi izda hemm bzonn konferma li tali kundizzjonijiet huma *in vigore* tramite konferma minn rapprezentant tal-Qrati.

Illi ghalhekk il-Qorti mhix ser issib htija fis-sitta u ghoxrin (26) akkuza.

<u>**Decide**</u>

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 41, 261, 279(b), 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolament 32(5) tal-Ligi Sussidjarja 380.2, kif ukoll l-artikoli 51(7) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Allister Camilleri** hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba' (7), it-tmien (8), id-disa' (9), l-ghaxar (10), il-hdax (11), it-tnax (12), it-tlettax (13), l-

erbatax (14), il-hmistax (15), is-sittax (16), is-sbatax (17), it-tmintax (18), id-dsatax (19), l-ghoxrin (20), il-wiehed u ghoxrin (21), it-tnejn u ghoxrin (22), it-tlieta u ghoxrin (23), l-erbgha u ghoxrin (24) u s-sebgha u ghoxrin (27) akkuzi kif dedotti kontrih u ghalhekk tikkundannah ghal piena ta' hames (5) snin prigunerija effettivi;

Tilliberah mill-hamsa u ghoxrin (25) u mis-sitta u ghoxrin (26) akkuzi kif dedotti kontrih stante nuqqas ta' provi;

In oltre', bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat **Allister Camilleri** jhallas l-ammont ta' tmint elef u erba' mija u erbgha u hamsin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€8,454.74) rapprezentanti spejjez peritali naxxenti minn din il-kawza.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrati**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**